# l-aċċent

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea ◊ Numru 16 ◊ Awwissu 2017


## L-EDITORJAL




F'din il-ħarġa jitkompla l-proġett li fuqu qed jaħdem bla heda Antoine Cassar, jiġifieri l-mappa tad-dinja bil-Malti. F'edizzjonijiet preċedenti Cassar diġà għamel il-mappa tal-Afrika u tal-Amerka t'Isfel u issa qed jissokta b'dik tal-gżejjer tal-Karibew. Hawnhekk qed ngħaddulkom l-ewwel parti ta' artiklu li se jkompli fil-ħarġa li jmiss.

Se taqraw ukoll artiklu ieħor tar-riċerkatriċi Leanne Ellul, li bħalma għamlet fil-ħarġa 12, titkellem dwar in-nomi verbali, din id-darba dawk bil-forma 1v23ān. Kliem bħal serħan u telfien, kif inhu differenti minn serħ u telf? L-ewwel taqsima tinkludi wkoll artikolett dwar l-istat kostrutt u ieħor dwar espressjonijiet li jinkludu l-partijiet tal-ġisem.

Minbarra l-artiklu dwar it-toponomija, fit-tieni taqsima nsibu artiklu legali b'titlu ftit kurjuż: 'Id-Dritt qatt ma jista' jkun mgħawweġ'. Fih Dr Alan Xuereb jistħarreġ id-distinzjoni bejn dak li nifhmu bi "dritt" u b'"liġi". Imbagħad Juan Debono jikteb dwar it-terminoloġija tal-anatomija u l-produzzjoni tat-tjur.

It-tielet taqsima tagħti omaġġ lil Agius de Soldanis li dan l-aħħar kien fl-aħbarijiet kulturali minħabba l-pubblikazzjoni tax-xogħol monumentali tiegħu, id-*Damma*. Ivan Said ipoġġi lenti fuq il-merti ta' de Soldanis anki bħala traduttur. Paul Zahra jagħtina artiklu interessanti dwar il-kliem Ingliż li qed jidħol anke fil-Franċiż. U f'dan l-isforz tagħna li nfakkru li l-Malti jevolvi bħalma jevolvu l-ilsna l-oħra, qed nippreżentaw artiklu ieħor dwar l-aġġornament ortografiku fil-lingwi. Din id-darba Cheryl Caruana tistħarreġ l-implikazzjonijiet tal-aġġornament tal-ortografija Portugiża.

Is-suppliment terminoloġiku din id-darba hu dwar l-aqwa tekniki disponibbli. Ħajr lit-terminologi tad-Dipartiment tad-DĠT tal-kontribut fiss tagħhom.

Nittama li ssibu din l-edizzjoni interessanti. Ibagħtulna l-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom.

Alan Delia *f'isem Il-Bord Editorjali*

# IL-WERREJ

**BIR-REQQA**
**Il-lingwa miktuba u mitħaddta**

Mill-waqfien għad-dawrien: Ħarsa lejn in-nomi verbali bil-forma 1v23ā̄n 3
Meta l-Istat Kostrutt jinħall u l-kliem jagħqad... 10
Wieħed *jimpenja ruħu*. U ħafna x'jagħmlu? 11
Niktbu "Ħa gost jara l-veduta" jew "Ħa gost jara 'l-veduta"? 13

**KELMA B'KELMA**
**It-terminoloġija**

Lejn mappa tad-dinja bil-Malti 4 – Il-gżejjer tal-Karibew (l-1el parti) 15
Id-Dritt qatt ma jista' jkun mgħawweġ – Liġi u konswetudni, drawwa u użu 24
L-anatomija u l-produzzjoni tat-tjur 28

**MILL-GĦATBA 'L BARRA**
**Aspetti oħra**

L-aġġornament ortografiku fil-lingwi: kapriċċ? 32
Analoġija bejn kliem Franċiż u kliem Malti missellef mill-Ingliż 41
Il-Kanonku Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis, lessikografu u traduttur 46

**Ma' din l-edizzjoni –**

Suppliment terminoloġiku:
Produzzjoni sostenibbli permezz tal-aqwa tekniki disponibbli

Mappa fiżika: Il-Karibew

**It-tim ta'** ***l-aċċent***

**Koedituri**: Louise Vella, Alan Delia
**Distribuzzjoni**: Maryann Agius
**Impaġnar u disinn**: Alan Delia
**Impaġnar (suppliment terminoloġiku)**: Maryann Agius
**Qari tal-provi**: Marija Agius, Loredana Theuma, Claire Bonello
**Editur tal-istil**: Mark Amaira
**Segretarju Eżekuttiv**: Ivan Said
**Relazzjonijiet Pubbliċi**: David Schembri



3


28


46

BIR-REQQA

*Il-lingwa miktuba u mitħaddta*

# Mill-waqfien għad-dawrien: Ħarsa lejn in-nomi verbali bil-forma 1v23ān

Leanne Ellul

Fil-ħarġa numru 12 ta' din l-istess rivista[1] ktibt dwar in-nomi verbali (NV) b'mod ġenerali. Din id-darba, nindirizza n-NV bil-forma 1v23ān (bħal *serħan*). In-NV għandhom rabtiet mal-verb, mhux biss minħabba għerq komuni, iżda wkoll minħabba tifsiriet simili, ngħidu aħna *seraq – serq, naddaf – tindif, ħarbat – tħarbit, ipparkja – parking*. Dawk li għandhom il-forma 1v23ān jippreżentawlna tifsiriet simili għal NV bl-istess għerq u li xi drabi joħolqulna diffikultà dwar liema forma l-aħjar nużaw, ngħidu aħna *telf* u *telfien*. Ħarsa lejn dawn in-NV mill-qrib tgħinna nagħrfu aħjar it-tipi differenti tagħhom u kif jingħarfu min-NV b'forom oħrajn.

**Bidjien: nibdew b'dak li jgħidulna l-grammatiċi**

Mhumiex wisq il-grammatiċi li jikkummentaw b'mod speċifiku fuq dawn in-NV.

Cremona jagħmel referenza għall-element ta' tifsir astratt li jġorru magħhom in-NV meta jirreferi għal dawk bis-suffissi -ān jew -ien wara l-aħħar konsonanti (Tagħlim, 142). Dawn jgħid li għandhom tifsir partikolari, fosthom ta' ċaqliq u ħeffa fil-mixi. Hawn tajjeb ninnutaw li Cremona jagħti varjetà ta' tifsiriet u eżempji li ma juru ebda omoġenjità. Fost l-eżempji jagħti *ħarsien, waqfien, dewmien*.

Cachia wkoll jirreferi għal numru żgħir ta' nomi astratti li jitnisslu biż-żieda tas-suffissi -ān/-ien (Grammatika, 66). Dawn in-NV, u dawk li jispiċċaw -ija, isejħilhom inqas komuni. Jgħid li dawn huma ftit wisq u m'hemmx xebh bejniethom. Għalhekk isemmi biss l-ewlenin, bħal *tiġrija* u *dewmien*.

**Firdien: nifirdu bejn forma u suffiss**

Qabelxejn, Cremona u Cachia jużaw il-kelma "suffiss" biex jirreferu għal NV li jispiċċaw ān jew ien. Hawn tajjeb nagħmlu distinzjoni bejn NV li joqogħdu għal forma partikolari u NV li jieħdu suffiss. Fil-każ ta' NV bħal *dawrien*, *sajran*, u *għajxien*, għandna forma u mhux suffiss, anke jekk, bħall-Għarbi (Watson, 157), fil-Malti nsibu kliem ieħor li jieħu s-suffiss -ān/-ien.

Fost dan il-kliem li jintemm b'-ān/-ien u li jaqa' taħt partijiet oħra tad-diskors insibu:

| | |
|---|---|
| plurali | *qisien, sqaqien, sidien* |
| aġġettivi | *fiddien* |
| nomi oħrajn | *dagħbien* |

Għaldaqstant, kelma li tispiċċa -ān/-ien mhux bilfors hija NV, u biex nagħrfu jekk hix NV

[1] http://ec.europa.eu/translation/maltese/magazine/documents/issue_12_mt.pdf.

jew le jeħtieġ li nħarsu lejn it-tifsir u l-pożizzjoni sintattika fil-kuntest ta' kliem ieħor. Dawn is-sentenzi huma meħuda mill-Korpus MLRS.[2]

1. Il-wiċċ fiddien u leqqien mhux se jkompli …
   n aġġ. aġġ.

2. Fi żmien meta l-letteratura Maltija għaddejja minn qawmien ġdid …
   nv aġġ.

Biex ikollna indikazzjoni ta' x'parti tad-diskors hi l-kelma kkonċernata, inkunu rridu (i) naħsbu kif inhi ffurmata l-kelma u (ii) naraw jekk il-kelma hix nom (fost l-oħrajn għax tieħu artiklu, iżda mhux biss), minn fejn ġejja u jekk għandhiex rabtiet mal-verb.

Ngħidu aħna *sqaqien* hi magħmula mis-singular *sqaq* u miż-żieda tas-suffiss li jifforma l-plural -ien. Il-kelma *fejqan*, min-naħa l-oħra, tinbena fuq għerq li hu komuni għal dak tal-verb *fieq*.

**Sajdien: nistadu għal dawn in-nomi verbali**

F'din it-tabella nippreżenta lista tan-NV bil-forma 1v23ān (u l-varjanti morfoloġiċi tagħha) li jieħdu għeruq moħfija u sħaħ regolari. Nippreżenta wkoll lista tan-NV b'forom ewlenija oħra u l-okkorrenzi tan-NV skont il-Korpus MLRS.

Dan huwa l-korp tal-kliem li jinteressana għall-analiżi tagħna.

| Tip ta' għerq | In-NV bil-forma 1v23ān | Varjanti morfoloġiċi ta' 1v23ān mogħtija minn Aquilina | Forom mill-istess għerq | Għadd ta' okkorrenzi fil-Korpus tal-MLRS | Mhux fil-Korpus tal-MLRS |
|---|---|---|---|---|---|
| dgħajjef moħfi | fawran/fawrien | | | fawran (226)<br>fawrien (6) | |
| dgħajjef moħfi | ġejbien | | | | ġejbien |
| dgħajjef moħfi | għejbien | għajb/għejb/<br>għawb | | għejbien (42)<br>għajbien (69)<br>għajb (1368)<br>għejb (2) | għawb |
| dgħajjef moħfi | għajxien/għejxien | għaxien/<br>għixien | | għajxien (3122)<br>għejxien (205)<br>għixien (2866)<br>għaxien (4) | |
| dgħajjef moħfi | mawrien/mawran | | | | mawrien/mawran |
| dgħajjef moħfi | qejsien/qajsien | qajs | | | qejsien/qajsien<br>qajs |
| dgħajjef moħfi | qawmien/qajmien | qajm/qawm | | qawmien (1208) | qajmien<br>qajm<br>qawm |

[2] Dan l-artiklu huwa msejjes fuq parti mit-teżi tiegħi 'In-Nomi Verbali bil-Malti'. L-eżempji inklużi hawnhekk ġew imfittxija qabel ma ħarġet il-v3.0 tal-Korpus MLRS u għalhekk nippreżenta eżempji mill-Korpus MLRS v2.0 Beta.

| Tip ta’ għerq | In-NV bil-forma 1v23ān | Varjanti morfoloġiċi ta’ 1v23ān mogħtija minn Aquilina | Forom mill-istess għerq | Għadd ta’ okkorrenzi fil-Korpus tal-MLRS | Mhux fil-Korpus tal-MLRS |
|---|---|---|---|---|---|
| dgħajjef moħfi | rewmien | | | | rewmien |
| dgħajjef moħfi | sajdien | | sajd | sajd (11,153) | sajdien |
| dgħajjef moħfi | sejħan | sejħ/sjieħ | | sejħan (1)<br>sejħ (2) | sjieħ |
| dgħajjef moħfi | sajran | | | sajran (96) | |
| dgħajjef moħfi | sawmien | sawm/sjiem/sjem | | sawm (174) | sawmien<br>sjiem/sjem |
| dgħajjef moħfi | sewqan/sawqan | | | sewqan (3332) | sawqan |
| dgħajjef moħfi | sawran | | | | sawran |
| dgħajjef moħfi | tajran | | | tajran (6) | |
| dgħajjef moħfi | xewlien | xili | | xili (3) | xewlien |
| dgħajjef moħfi | żejdien | | | | żejdien |
| dgħajjef moħfi | żawran/żajran | | | | żawran/żajran |
| sħiħ | telfien | | telf | telfien (867)<br>telf (7784) | |
| sħiħ | telqien | | tluq/talq/telq/tliq/<br>tluq | telqien (2)<br>tluq (1752) | talq/telq/tliq |
| sħiħ | firdien | frid | | frid (4) | firdien |
| sħiħ | ferqien/ferqan | | friq | | ferqien/ferqan<br>friq |
| sħiħ | għadrien/għodrien | għadar | għadir/<br>tagħdir/<br>mogħdrija/<br>għodrija | mogħdrija (37) | għadrien/għodrien<br>għadar<br>għadir (41 – bħala parti minn toponi-mu)/tagħdir<br>għodrija |
| sħiħ | għalbien | għalb | | | għalbien<br>għalb |
| sħiħ | għarfien | | għerf | għarfien (4,928)<br>għerf (1,740) | |
| sħiħ trux | żeġġien | żeġġ | | | żeġġien<br>żeġġ |
| sħiħ trux | ġeżżien | | ġeżż | | ġeżżien<br>ġeżż |
| sħiħ trux | feġġien | | | | feġġien |
| dgħajjef nieqes | bidjien | | bidu/bedu/bidi | bidu (29,446)<br>bedu (1) | bidjien<br>bidi |

| Tip ta' għerq | In-NV bil-forma 1v23ān | Varjanti morfoloġiċi ta' 1v23ān mogħtija minn Aquilina | Forom mill-istess għerq | Għadd ta' okkorrenzi fil-Korpus tal-MLRS | Mhux fil-Korpus tal-MLRS |
|---|---|---|---|---|---|
| sħiħ | għarqien | għeriq | | għarqien (2) | għeriq |
| sħiħ | tagħbien | | | | tagħbien |
| sħiħ | ħelsien | | ħlis | ħelsien (3,892) | ħlis |
| sħiħ | ħaqrien/ħoqrien | ħqir/ħaqar | | | ħaqrien/ħoqrien ħqir/ħaqar (bħala verb) |
| sħiħ | ħarsien | | ħars tħaris | ħarsien (7,606) ħars (129) tħaris (873) | |
| sħiħ | kefrien | kfir | | | kefrien kfir |
| sħiħ | qorbien | qorob/qrib | | | qorbien qorob (bħala verb)/qrib (bħala partiċella) |
| sħiħ | rifsien | rifs | | | rifsien rifs |
| sħiħ | rikbien | rkib/rkub | | rkib (7) | rikbien rkub |
| sħiħ | resqien | | rsiq/rsieq | | resqien rsiq/rsieq |
| sħiħ | sebħien | | sebħ | sebħ (373) | sebħien |
| sħiħ | sirġien | | sriġ | | sirġien sriġ |
| sħiħ | serħan | | serħ sriħ | serħan (1,656) serħ (52 – l-aktar fit-toponimu) | sriħ |
| sħiħ | turfien/tarfien | | tarf | tarf (3,312) | turfien/tarfien |
| sħiħ | tarxien/turxien | truxija | | truxija (6) | tarxien (5,359 – bħala toponimu) turxien |
| sħiħ | xirfien | | xrif | | xirfien xrif |
| sħiħ | xerqien | xerq | | | xerqien xerq |
| sħiħ | silbies/sulbien/ solbien | | | | silbies/sulbien/ solbien |
| dgħajjef assimilattiv | waqfien | uqif/wqif | | waqfien (2,370) | uqif/wqif |

**Mawrien: inżuru n-nomi verbali mill-ġdid**
**<u>Il-lat formali</u>**

Għall-kuntrarju ta' numru kbir ta' forom verbali, il-forma verbali 1v23ān m'għandhiex ī fl-aħħar sillaba iżda ā jew ie. Din li l-a twila /ā/ u l-ie /ie/ jintużaw flok xulxin tiġri ta' spiss fil-Malti, ngħidu aħna fil-plural *tuffiħat/tuffiħiet*. Madankollu, fil-maġġoranza tal-każi ta' NV bil-forma 1v23ān m'hemmx varjazzjoni ħielsa, iżda distribuzzjoni kumplimentarja, għax jekk NV ikollu l-vokali ā (*serħan*) ma jiħux ie (**serħien*), u bil-kontra (*ħarsien*, **ħarsan*). Dan għajr għal xi ftit eżempji (*fejqien* (Korpus MLRS, 1)/*fejqan* (Korpus MLRS, 1194)) fejn forma minnhom xorta tkun predominanti.

Il-forma 1v23ān takkomoda primarjament NV regolari sħaħ u dgħajfin moħfija, ħlief għal wieħed assimilattiv, wieħed nieqes, u tlieta sħaħ torox. Fost l-oħrajn, varjanti tagħha li jakkomodaw dawn l-għeruq huma 1v23 (*rkib*), 1v2v̄3 (*għeriq*), 12v̄3 (*qrib*), u 1v2v (*xili*).

F'ċerti każi, in-NV bil-forma 1v23ān ikun aktar frekwenti mill-varjanti tiegħu, ngħidu aħna *għajxien*, iżda nsibu każi fejn NV bħal *bidu* hu ferm aktar komuni minn *bedu* u *bidi* bl-istess forma, u anke minn *bidjien*. Għaldaqstant, ma jidhirx li hemm regola li tagħżel forma minn oħra; jekk insibux l-aktar okkorrenzi ta' NV tal-istess għerq bil-forma 1v23ān jew bil-forom varjanti tidher li hi xi ħaġa arbitrarja.




Il-fatt li jkollna NV b'forma waħda mhux bil-fors ifisser li jkun jintuża, ngħidu aħna *rawmien*. Xi drabi dan jiġri wkoll meta jkollna NV bħal *xrif* u *xirfien*. Il-fatt li dawn in-NV ma nsibux okkorrenzi tagħhom ma jiddependix mill-forma, daqskemm mill-użu jew mit-tifsir.

Alexander Borg jikkummenta li NV bħal *fejqan* jokkorru ma' għeruq dgħajfa għalkemm

NV bħal *telqien* juru li dan il-mudell mhux esklużiv għad-dgħajfa (254; ara wkoll Tagħrif, 67). Fil-fatt, din il-forma takkomoda għadd ta' NV sħaħ regolari u sħaħ torox ukoll.

Mill-evidenza li għandna jidher li fejn hemm NV varjanti, forma waħda tkun tintuża aktar mill-oħrajn, kif jixhed ukoll il-Korpus MLRS. Dan jiġri kemm fil-każ tad-dgħajfin (ngħidu aħna *dewmien* tintuża ferm aktar mill-varjant fonoloġiku *dawmien* u mill-varjant morfoloġiku *dewm*) u anke fil-każ tas-sħaħ regolari: *sebħ* tintuża ferm iżjed minn *sebħien*. Fil-każ tad-dgħajfin insibu wkoll għadd ta' NV li ma jintużaw fl-ebda forma tagħhom bħal *rawmien, ħaqrien/ħoqrien/ħqir/ħaqar*, u *qejsien/qajsien/qajs*.

**Il-lat semantiku**

Biex joħroġ aħjar dan it-tifsir, nikkompara n-NV bil-forma 1v23ān (*serħan*) man-NV bil-forma 1v23 (*serħ*) jew 12v̄3 (*sriħ*).

In-NV bil-forom 1v23 jew 12v̄3 ma joħolqulniex diffikultà meta jkunu varjanti morfoloġiċi ta' 1v23ān bħal *dewmien/dawmien/dewm*. Il-kompetizzjoni bejn il-forom tinħoloq meta n-NV bil-forom 1v23 jew 12v̄3 ikunu forom oħrajn bl-istess għerq tal-forma. Dawn in-NV jidher li ma jgħixux f'varjazzjoni ħielsa ma' xulxin għaliex għandhom differenzi semantiċi sottili. Billi nikkompara l-forom flimkien toħroġ aħjar it-tifsira tagħhom.

Dawn li ġejjin huma xi ftit minn dawn il-pari li joħolqu diffikultà fl-interpretazzjoni b'definizzjoni mid-Dizzjunarju Malti-Ingliż ta' Aquilina u l-kollokazzjonijiet mill-Korpus MLRS.

*ħarsien*
Mid-Dizzjunarju: protection, preservation
Mill-Korpus MLRS: ambjent, soċjali, drittijiet

*ħars*
Mid-Dizzjunarju: looking, watching
Mill-Korpus MLRS: ikrah, tiġbed, lejn

*serħan*
Mid-Dizzjunarju: repose, rest
Mill-Korpus MLRS: moħħ, ras, libertà

*serħ*
Mid-Dizzjunarju: rest
Mill-Korpus MLRS: bla, –, –

*sriħ*
Mid-Dizzjunarju: resting
Mill-Korpus MLRS: –

*għarfien*
Mid-Dizzjunarju: recognition, acknowledgement
Mill-Korpus MLRS: nuqqas, uffiċjali, trejdunjonistiku

*għerf*
Mid-Dizzjunarju: wisdom, knowledge
Mill-Korpus MLRS: għaqal, mimli, Alla

*telfien*
Mid-Dizzjunarju: moral loss
Mill-Korpus MLRS: impjiegi/impjieg, ħajjiet, sensi

*telf*
Mid-Dizzjunarju: loss, losing
Mill-Korpus MLRS: qligħ, impjiegi, finanzjarju

Kif jidher minn din l-analiżi ċkejkna, in-NV li jieħdu l-forma 1v23ān u n-NV b'forom oħra bl-istess għerq, għandhom tifsiriet differenti. Għalhekk, nikkonkludi li:

- kull forma hi riżervata għal tifsir partikolari kif indikat fid-Dizzjunarju
- ħafna drabi kull forma tintuża bit-tifsira speċifika tagħha kif indikat mill-kollokazzjonijiet
- bejn NV marbuta mal-ewwel forma u NV marbuta mat-tieni forma hemm bidla fit-tifsira; ngħidu aħna *dewbien* jew *sajran* jirreferu għal dak li jġarrab is-suġġett, filwaqt li *tidwib* jew *tisjir* jirreferu għall-azzjoni li s-suġġett jagħmel lill-oġġett in-NV bil-forma 1v23ān tan-NV ivarjaw min-NV l-oħrajn; mhumiex sinonimi għax jippreżentaw NV ieħor b'tifsir aktar speċifiku u speċjalizzat/tekniku.




Mid-dizzjunarju tal-MLRS: maltesedictionary.org.mt

**Tarfien: kummenti tal-aħħar**

Minkejja li n-NV bil-forma 1v23ān mhumiex wisq, joffrulna sfida sabiex nidentifikawhom u nanalizzawhom mil-lat semantiku. Fl-istess waqt iservu ta' kampjun; permezz tagħhom nifhmu aħjar ċerti kumplessitajiet tan-NV u l-varjetà wiesgħa ta' tifsir li għandhom. Juruna wkoll kemm il-Malti, bħal kull lingwa oħra, għandu kliem li jġorr piż differenti, u li kelma minn oħra tagħmel differenza. Mhux lakemm nużaw *tisjir* flok *sajran*. Kull forma, kull kelma, iġġorr magħha tifsiriet sottili diversi li jappellaw għas-sensittività tagħna bħala kelliema, filwaqt li jagħnu l-lingwa.

*Leanne Ellul hija riċerkatriċi tal-lingwistika fl-Università ta' Malta*

**Biblijografija**

Aquilina, Joseph. *Maltese-English Dictionary*. Malta: Midsea, 1987.

Aquilina, Joseph. *The Structure of Maltese*. Malta: Royal University of Malta, 1959.

Borg, Alexander. "A Historical and Comparative Phonology and Morphology of Maltese." Teżi tal-PhD, the Hebrew University of Jerusalem, 1978.

Cachia, Lawrenz. *Grammatika Ġdida tal-Malti*. Malta: Bla dettalji, 1994.

Cremona, Anthony. *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija II*. It-3[et] ed. Malta: Pubblikatur mhux magħruf, 1944.

Ellul, Leanne. "In-Nomi Verbali fil-Malti." Teżi tal-MA, l-Università ta' Malta, 2016.

MLRS. V2.0 Beta. "L-Istitut tal-Lingwistika, u d-Dipartiment tas-Sistemi tal-Kompjuter Intelliġenti," it-12 ta' Frar 2013.

Watson, Janet C. E. *The Phonology and Morphology of Arabic*. Oxford: Oxford UP, 2002.

*Ħajr lil Louise Vella u Mark A. Vella li nebbħuni dwar dawn in-nomi verbali, tawni diversi eżempji u ddiskutewhom miegħi, u lil Dr Michael Spagnol u Prof. Manwel Mifsud li kienu superviżuri tat-teżi.*

Iż-żewġ spjegi li ġejjin qed jiġu ppubblikati hawnhekk wara kollaborazzjoni mal-**Għaqda tal-Qarrejja tal-Provi tal-Malti**. Il-membri ta' din l-Għaqda huma individwi li jaħdmu f'oqsma differenti – edukaturi, ġurnalisti, edituri, nutara, kittieba, studenti, uffiċjali pubbliċi, u l-bqija – u kollha attendew il-kors tal-qari tal-provi bil-Malti li jingħata l-Università. Ħajr lis-Sur Karl Scicluna, il-President tal-GĦQPM tal-għajnuna li tana u lill-Prof. Manwel Mifsud li reġa' tana permess nippubblikaw kitbiet minn tiegħu .

# Meta l-Istat Kostrutt jinħall u l-kliem jagħqad...

Fil-binja sintattika li nsejħulha l-Istat Kostrutt, l-ewwel nom huwa awtomatikament definit, u allura ma jiħux l-artiklu definit:

| tmiem il-ġimgħa | fi tmiem il-ġimgħa |
|---|---|
| ras il-kelb | ma' ras il-kelb |
| id Luċija | minn id Luċija |

Imma dan jibqa' jgħodd sakemm il-kelmtejn involuti nibqgħu nifhmuhom bħala binja sintattika. Fil-fatt hemm każi li fihom il-kelmtejn tant intrabtu ma' xulxin li f'moħħ il-kelliem għoddhom jitqiesu bħala nom wieħed, nom indefinit, u allura jerġgħu jidħlu fil-kategorija tan-nomi normali. F'xi każi qodma tant intilfet l-idea ta' Stat Kostrutt li l-kelmtejn saru kelma morfoloġika waħda u jieħdu plural wieħed flimkien, barra li ortografikament ġieli jinkitbu kelma waħda wkoll.

- **bniedem** (< ***bin Adam**), pl. **bnedmin** (mhux **ulied Adam**); **il-bniedem**
- **qawsalla** (<***qaws Alla**), pl. **qawsalel, qawsalli** (mhux **qwas Alla**); **il-qawsalla**

Mela, biex ngħidu hekk, il-**qawsalla** (bl-artiklu) diġà hija "ksur" tar-regola tal-Istat Kostrutt.

Hemm każi oħra li għadhom ma waslux sa hemm, għaliex għadhom jinkitbu separati, imma xorta jieħdu plural **flimkien** u jitqiesu unità waħda indefinita, u allura jieħdu l-artiklu.

- **ħmar il-lejl** "nightmare", pl. **ħmar il-lejlijiet** jew **ħmarillejlijiet**? (mhux **ħmir il-lejl**); **il-ħmar il-lejl**

Terġa', hemm każi oħra li fl-integrazzjoni għadhom pass wara dawn, għax jinkitbu separati, jieħdu plural separatament, imma xorta jieħdu l-artiklu.

- **kelb il-baħar** "shark", pl. **klieb il-baħar**; **il-kelb il-baħar**

Mela nistgħu ngħidu li għandna kontinwu bejn Stat Kostrutt kanoniku minn naħa u eks-Stat Kostrutt li sar għalkollox nom wieħed min-

naħa l-oħra. Bejn dawn iż-żewġ poli hemm bosta gradi differenti ta' integrazzjoni, li minnhom jien hawn indikajt tnejn biss.

Tajjeb ukoll li niftakru li anke l-Istat Kostrutt li għadu sħiħ ġieli jiġi "mġiegħel" jaċċetta l-artiklu meta jkun involut f'binja sintattika ikbar li normalment titlob nom definit, speċi ta' forza maġġuri. Hekk jiġri, ngħidu aħna, fejn tidħol frażi aġġettivali li timplika distinzjoni. Każi bħal dawn forsi jinħarbu mill-kittieba konxji ħafna mill-istruttura lingwistika, imma jintużaw regolarment mill-biċċa l-kbira ta' min jitkellem u jikteb bil-Malti.

Eżempju:

| | |
|---|---|
| ras il-kelb | ir-<u>ras il-kelb</u> li pinġejna lbieraħ (tintuża wkoll: ir-ras ta' kelb...) |
| tmiem il-ġimgħa | it-<u>tmiem il-ġimgħa</u> li konna ilna nistennew |
| bieb il-belt | il-<u>bieb il-belt</u> li għadna kif għaddejna minnu |

---

# Wieħed *jimpenja ruħu*. U ħafna x'jagħmlu?

Fis-sintassi tal-Malti, kull meta jkollok għadd ta' persuni li jagħmlu l-istess azzjoni b'xi parti tal-ġisem li minnha għandna waħda, jintuża s-singular. Hekk, ngħidu aħna:

- *Serrħu* ***raskom*** (mhux *rjuskom*) *u morru bis-sliema*.
- *Bdejna nsoddu* ***mneħirna*** *minħabba l-intiena*.
- U daqstant ieħor: *ħaddmu* ***moħħkom*** (*imħuħkom*), *agħlqu* ***ħalqkom*** (*ħluqkom*), *iftħu* ***qalbkom*** (*qlubkom*), *semmgħu* ***leħenkom*** u *missu* ***daharkom***.

Jekk toqgħod tanalizzaha "loġikament" (ħaġa li m'għandek tagħmilha qatt fis-sintassi ta' lingwa), din il-binja tista' tidher illoġika u bla sens. Mela huma flimkien għandhom ras waħda? Mela aħna lkoll għandna mnieħer wieħed bejnietna?

M'għandniex xi ngħidu, semmiegħ li jaf bil-Malti ma jkollux din ir-reazzjoni. Jifhem mill-ewwel li fosthom ilkoll, kull wieħed/waħda baxxa/iet rasu/ha, u li minna kull wieħed/waħda sadd/et imnieħru/imneħirha. Jew, kif iqassruha tajjeb it-Taljani, *ciascuno il suo*.

Din tidher li hi r-raġuni għaliex xi nomi (bħal **imnieħer**, **dahar**) fil-Malti m'għandhomx plural kurrenti: dan qatt ma kellna bżonnu, għax mal-plural xorta waħda nużaw is-singular. U dan jidher aħjar mill-fatt li anke n-nomi li għandhom kemm is-singular u kemm il-plural (bħal **ras**/**rjus**, **ħalq**/**ħluq**) xorta waħda jużaw is-singular meta jkunu involuti ħafna persuni.

Bħal kull ħaġa madwarna, din ir-regola sintattika Maltija mhix meħlusa mill-influwenzi u mill-bidla. Xi lingwi li qegħdin magħna l-ħin kollu, bħall-Ingliż, ma jagħmlux bħalna: f'każi bħal dawn jużaw il-plural: *they raised their heads*. U l-Maltin jiddakkru

malajr, u r-regola riġida ma tibqax daqstant riġida, tirtab u tibda ċċedi. Għalhekk illum ġieli tisma' *refgħu* ***rjushom***, *fetħu* ***qlubhom***. U mhux l-ewwel darba li jgħidulek li l-Malti fqir għax m'għandux il-plural ta' *mnieħer* bħall-Ingliż.

M'għandniex xi ngħidu, jekk ikollna sitwazzjoni rari fejn irridu bilfors nirreferu għal ħafna, il-lingwa soluzzjoni ssib, billi toħloq plural b'elementi magħrufa, ngħidu aħna bil-plural predominanti -*ijiet*: **mneħrijiet*.

Żewġ kelmiet ta' użu komuni li aktarx ġarrbu din l-influwenza huma ***nifs*** (bil-plural ***nfus***) u ***ruħ*** (bil-plural ***rwieħ***). Nistħajjel li xi darba konna ngħidu: *minnhom* ***innifishom*** u *jimpenjaw* ***ruħhom***. Imma llum il-forom bil-plural qed jinstemgħu ħafna wkoll: *minnhom* ***infushom*** u *jimpenjaw* ***irwieħhom***. Issa forsi hemm min, bħali, għadha ddoqqlu aħjar tas-singular. Imma jiena u int m'aħniex il-poplu Malti, u (min jaf?) jista' jkun li hemm barra hemm iktar nies li qed jgħidu *impenjaw irwieħhom* milli *impenjaw ruħhom*. U, għidli int, l-arloġġ min qatt dawru lura?

## Ir-rapport dwar il-kitba tal-kliem mill-Ingliż




Ir-rapport *Lejn id-'Deċiżjonijiet 2'*, li tlesta mill-kumitat maħtur apposta mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti biex jistudja l-kitba tal-kliem mill-Ingliż fil-Malti, issa ttella' fis-sit tal-Kunsill. L-għan ewlieni tar-rapport hu li joffri linji gwida fuq kif għandu jinkiteb il-kliem li l-Malti jissellef mill-Ingliż. Ir-regola attwali dwar il-kitba ta' dan il-kliem tmur lura għall-1984 u għalhekk ilu jinħass il-bżonn li tkun aġġornata.

Ir-rapport tħejja wara żewġ seminars pubbliċi ta' konsultazzjoni b'attendenzi numerużi, u numru kbir ta' laqgħat li organizza l-Kunsill tal-Malti u li matulhom, fl-aħħar snin, il-kumitat imsemmi ltaqa' u ddiskuta ma' individwi interessati minn oqsma differenti ewlenin, bħall-edukazzjoni, it-traduzzjoni u l-qari tal-provi, il-pubblikazzjoni, u l-ġurnaliżmu u x-xandir. Tagħrif ieħor dwar dan issibu minn din il-kronoloġija: http://kunsilltalmalti.gov.mt/file.aspx?f=282.

Fl-aħħar laqgħat tiegħu, il-kumitat għarbel il-fehmiet kollha diskussi fit-tieni seminar pubbliku organizzat mill-Kunsill fit-18 ta' Ġunju 2016 u kkunsidra wkoll ir-reazzjonijiet kollha li ntbagħtu mill-pubbliku matul il-perjodu ta' konsultazzjoni li nfetaħ wara t-tieni seminar.

Ir-rapport issa hu aċċessibbli għall-pubbliku għax il-Kunsill tal-Malti jixtieq jagħti opportunità oħra lil kull min hu interessat, jew forsi ma setax jattendi għall-aħħar seminar, biex jekk għandu xi punt dwaru jgħaddihulu fl-indirizz kunsilltalmalti@gov.mt qabel ma r-rapport jgħaddi mill-aħħar passi formali biex isir uffiċjali.

Sadattant, il-Kunsill qed jippjana numru ta' laqgħat ma' setturi speċjalizzati interessati biex jippreżentalhom u jispjegalhom il-ħsieb wara l-proposti li saru fir-rapport.

| | |
|---|---|
| Il-Prof. Ray Fabri<br>Il-President tal-KNLM | Thomas Pace<br>Id-Direttur Eżekuttiv tal-KNLM |

# Niktbu "Ħa gost jara l-veduta" jew "Ħa gost jara 'l-veduta"?

Is-silta li ġejja hija meħuda mil-Linji Gwida Interni mfassla għat-tradutturi tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea. Qed naqsmuha mal-qarrejja ta' *l-aċċent* f'każ li tista' tkun ta' għajnuna għalihom ukoll.

**Il-Linji Gwida Interni** ssibhom hawn:
https://ec.europa.eu/info/files/maltese-resources-guidelines-translating-maltese_en

**L-artiklu mal-ismijiet ta' Pubblikazzjonijiet, ta' Fondi, ta' Strateġiji u l-bqija**

**L-isem sħiħ jew fil-qosor?**

B'mod ġenerali, skont il-Prof. Ray Fabri, "l-artiklu jingħaqad mal-prepożizzjoni u la jinkiteb kbir u lanqas bil-korsiv." Dan fuq il-mudell tal-ismijiet tal-bliet u l-irħula Maltin, meta ħafna drabi l-artiklu jitwaħħad mal-prepożizzjoni ("Mort sal-Ħamrun" u mhux "Mort sa l-Ħamrun").

Iżda, meta isem pubblikazzjoni jkun se jiġi kkwotat fil-forma sħiħa tiegħu, b'konsistenza mat-Taqsima 2.3 tad-Deċiżjonijiet, l-artiklu la jitqassar u lanqas jitneħħa.

Meta l-isem ta' pubblikazzjoni niktbuh sħiħ, niktbuh bil-korsiv, pereż. *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Madankollu, meta l-isem jitqassar (il-Ġurnal Uffiċjali) ma niktbuhx bil-korsiv.

Niktbu: Tista' tirreferi għall-Ġurnal Uffiċjali.
Ara l-paġna 2 ta' dawn il-Linji Gwida.
Dan l-artiklu meħud mit-*Times of Malta*; l-ieħor minn *The Economist*.
Insiblek verżjoni PDF ta' *Il-Linji Gwida Interni*?
Irreferi għall-ħarġa rilevanti ta' *l-aċċent*.

Meta isem pubblikazzjoni jkun qasir minnu, ma nqassruh qatt biex nevitaw il-konfużjoni.
Niktbu dejjem: Il-mappa ta' Antoine Cassar ippubblikawha ma' *l-aċċent*. (mhux mal-aċċent)
Din l-aħbar niftakarni naqraha f'*Il-Ġens*. (mhux fil-Ġens)
Il-possibbiltà ta' riżenja kien semmieha *The Economist*. (mhux l-Economist)

**Bl-artiklu jew mingħajru?**

Bħalma isem il-Ġurnal Uffiċjali bilfors jieħu l-artiklu, daqstant ieħor iridu jieħdu l-artiklu ċerti ismijiet bħal, ngħidu aħna, l-ismijiet tal-Fondi u tal-Istrateġiji. Għalkemm il-IATE jagħti l-isem sħiħ tal-Ġurnal Uffiċjali bl-artiklu: *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, l-ismijiet tal-Fondi u tal-Istrateġiji ħafna drabi jagħtihom mingħajr l-artiklu. Għat-termini fil-IATE, it-terminologi huma marbutin isegwu l-linji gwida tal-IATE Handbook.

Pereżempju, regola minnhom titlobhom idaħħlu termini fis-singular filwaqt li regola oħra teżiġi li la għandhom jintużaw artikli u lanqas ittri kapitali ħlief meta l-lingwa tkun titlob mod ieħor: "Do not use articles or capital letters, unless language rules dictate that you should." Għaldaqstant meta niktbu bil-Malti, **l-ismijiet tal-Fondi, tal-Istrateġiji, u l-bqija jridu jinkitbu bl-artiklu u kull prepożizzjoni tingħaqad miegħu**.

Eżempju:

**Waqt il-konferenza, Karmenu Vella nieda l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku. Il-finanzjament tal-UE jasal mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.**

Meta (inqas frekwenti) l-oriġinal ipoġġi isem l-istrateġija fil-virgoletti, l-artiklu jrid jidħol ukoll bejn il-virgoletti għax hu parti mill-isem, u l-virgoletti jridu jkunu doppji. Jiġifieri:

**Waqt il-konferenza, Karmenu Vella nieda "L-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku".**

Xi eżempji oħrajn misluta mit-traduzzjonijiet:

Further, the 'European Fund for Strategic Investments (ESFI)' is planned to...
niktbu: **Barra minn hekk, hu ppjanat li "Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)"...**

The Commission has launched the European innovation partnership (EIP) on water.
niktbu: **Il-Kummissjoni nediet Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (l-EIP) dwar l-ilma.**
Nevitaw li nikkwotaw mill-IATE mingħajr ma nipproċessaw l-informazzjoni li nsibu fih.

---

## Il-frażi nominali li tinkludi l-għadd

Filwaqt li fil-frażi nominali nnifisha bosta numri Maltin jieħdu s-singular, fil-bqija tas-sentenza n-numru jiġi trattat bħala plural.

Minflok: Is-sena li għaddiet inbiegħet 500 karozza.
niktbu: Is-sena li għaddiet inbiegħu 500 karozza.

Bħalma jispjegaw il-Prof. Manwel Mifsud u l-Prof. Albert Borg, f'din il-kwistjoni tal-aġġettiv man-nom enumerat, li ma tantx ġiet mistħarrġa fi lsienna, is-singular mitlub min-numri jgħodd ukoll għall-bqija tal-elementi fil-frażi nominali.

Niktbu: 51 raġel twil
għax **twil** hi parti mill-istess frażi nominali, iżda mbagħad
niktbu: 51 raġel twil daħlu fil-kamra tagħhom
għax **daħlu** ma tinsabx fl-frażi nominali u **tagħhom** mhix parti mill-istess frażi nominali;
u niktbu: Tnax-il xahar ieħor huma twal wisq għalija.

Nieħdu eżempju ieħor: The 133 temporary posts were authorised in the establishment plan.

Il-Prof. Borg jispjegalna li l-frażi [**il-133 post temporanju**] hija entità sħiħa u l-aġġettiv għandu jkun **temporanju**, fis-singular, biex jaqbel man-nom fis-singular fl-istess frażi nominali.
Għalkemm fil-frażi nominali tas-suġġett [**post temporanju**] jitħaddem is-singular, il-bqija tas-sentenza jeħtieġ tkun fil-plural [**ġew awtorizzati...**] biex taqbel mal-għadd tal-frażi nominali tas-suġġett kollha kemm hi.

Mela niktbu: Il-133 post temporanju ġew awtorizzati fil-pjan ta' stabbilment.

# KELMA B'KELMA

*It-terminoloġija*

## Lejn mappa tad-dinja bil-Malti 4 – Il-gżejjer tal-Karibew (l-1el parti)

Antoine Cassar

Kif rajna fl-aħħar artiklu ta' din is-sensiela (*l-aċċent* il-ħarġa 13), it-Tapp tad-Darién, li jifred l-Istmu tal-Panama mill-Majjistral tal-Kolombja (u tal-Amerka t'Isfel), tant huwa folt jew appuntu 'misdud' bil-veġetazzjoni li l-famuża awtostrada *Panamericana* ma tazzardax tgħaddi minnu. Mill-belt ta' Ushuaia, Tierra del Fuego sal-Bajja ta' Prudhoe, l-Alaska (jew bil-maqlub), il-*Panamericana* tibqa' għaddejja minn kull tip ta' pajsaġġ, terren u klima, iżda f'din l-istrixxa ta' 87 kilometru, mhux talli t-triq tisparixxi fil-ġungla, talli lanqas qatt ġiet imwittija. Biex ngħaddu mill-Amerka t'Isfel għal dik imsejħa Ċentrali (u meqjusa, anki jekk b'riżervi minn ċerti esperti tal-ġeoloġija, bħala l-parti meridjonali tal-kontinent tal-Amerka ta' Fuq), ikollna bilfors ngħaddu minn fuq il-baħar. U għandna għażla: jew naqdfu ftit fil-Paċifiku, bit-tama li ma naħbtux ma' xi ħalla li tkun ilha tinġema' f'nofs oċean (skont il-latitudni, l-Oċean Paċifiku iktar ismu mhux miegħu milli iva); jew inkella nsalpaw fuq il-Karibew, baħar iktar milqugħ anki jekk spiss milqut mill-uragani, imħares sa ċertu punt minn ħnejja twila ta' gżejjer – anzi tnejn – magħrufa bħala **l-Antilli l-Kbar** u **l-Antilli ż-Żgħar**.

Jaqblilna nagħżlu t-tieni itinerarju, ċjoè, naqsmu l-ilmijiet iktar kalmi tal-Golf tad-Darién, fil-kantuniera tal-Grigal tal-Baħar Karibew. Anzi, la qegħdin diġà fuq il-baħar u mgħaġġlin m'aħniex, nistgħu nieħdu rotta oħra. L-ewwel lejn il-Lvant, tul ix-xatt tal-Kolombja u l-Veneżwela, fejn ngħaddu minn ħdejn l-hekk imsejħa **Gżejjer ABC** (**Aruba**, **Curaçao** u **Bonaire**, kollha territorji Olandiżi), sa ma nilħqu **Trinidad** u sieħbitha **Tobago**. Imbagħad nibdew 'telgħin' minn gżira għal gżira, tarġa tarġa u xi ftit żigużajg, mal-Antilli ż-Żgħar. Dawn, min-naħa tagħhom, huma maqsumin bejn il-**Gżejjer ta' Fuq ir-Riħ** (*Windward Islands*), minn **Grenada** sa **Dominika**, u l-**Gżejjer ta' Taħt ir-Riħ** (*Leeward Islands*), mill-ħames gżejjer li jiffurmaw **Guadeloupe** sal-**Gżejjer Verġni**. L-Irjieħ Alizej, li f'dawn il-latitudnijiet ġeneralment jonfħu mill-Grigal sal-Lbiċ, kienu jwasslu l-qlugħ tal-bastimenti Ewropej (ġejjin mill-Iberja, jew mill-Majjistral tal-Afrika bl-ilsiera) sal-Gżejjer ta' Taħt ir-Riħ, '*taħt*' proprju għax it-tbaħħir kien isir fl-istess direzzjoni tar-riħ; minn hemm, biex il-bastimenti salpaw lejn il-Gżejjer ta' Fuq ir-Riħ, kellhom ibaħħru kontra d-direzzjoni ġenerali tar-riħ, u f'dak is-sens '*fuqu*'.[1]

[1] Minħabba rotot marittimi u interessi ftit differenti skont il-pajjiż tal-oriġini tan-navigaturi u kolonizzaturi, l-Ingliż, l-Ispanjol u l-Franċiż ma jaqblux għalkollox fuq fejn tinġibed il-linja bejn il-Gżejjer ta' Taħt u dawk ta' Fuq ir-Riħ. Iddeċidejt li nimxi fuq id-distinzjoni tal-Ingliż, kemm bħala l-lingwa pont ewlenija, u kemm għax it-Taljan jagħmel kategorizzazzjoni differenti: il-Gżejjer ABC u l-gżejriet tal-Veneżwela jissejħu Isole Sottovento, filwaqt li l-Piccole Antille huma kollha Isole Sopravento, nofshom Settentrionali u nofshom Meridionali. Biex wasalt għat-termini bil-Malti, għenni iktar il-Ġermaniż: Inseln unter / über dem Winde.

F'tarf il-ħnejja tal-Gżejjer ta' Taħt ir-Riħ, immewġu tul l-Antilli l-Kbar, iżda l-ewwel nistgħu nduru wkoll mat-**Turks** u l-**Caicos**, kif ukoll mal-**Baħamas**, dejjem jekk noqogħdu attenti li ma nintilfux fit-**Trijanglu ta' Bermuda** u ma neħlux fil-**Baħar tas-Sargassi**. Imbagħad nistgħu nsegwu l-kurvatura tal-**Gżejriet tal-Florida**, ngħaddu tul is-subgħajn ta' **Kuba** (la għandha forma ta' driegħ) sa nilħqu l-**Kap San Antonio**, u fl-aħħar naqsmu l-**Fliegu tal-Yucatán**, biex nittrakkaw fl-art kontinentali tal-Amerka Ċentrali qrib il-**Kap Catoche**, mhux 'il bogħod minn Cancún, fil-Lvant tal-Messiku.




Mappa tal-gżejjer Karibej bl-ilsien Taíno, mitkellem fl-Antilli l-Kbar u fil-Baħamas qabel il-wasla tal-Ewropej. Uħud mill-ismijiet baqgħu ħajjin sal-lum fil-lingwi kolonjali li ħadu post it-Taíno u ilsna antiki oħra tar-reġjun.
Sued-Badillo, Jalil (ed.), 2003. *General History of the Caribbean, vol. 1: Autochthonous Societies* (Paris: UNESCO Publishing), plate 8.

**Lingwi li jidħlu f'lingwi**

Dawn il-ftit ismijiet kollettivi u speċifiċi jiġbru, fil-qosor ħafna, is-7,000 gżira u fuqhom li hemm fil-Baħar Karibew. Bħas-soltu f'dan il-proġett, fost it-toponimi msemmija hemm uħud tradotti kunċettwalment, oħrajn trażlitterati (tip ieħor ta' traduzzjoni), oħrajn li baqgħu kif jinkitbu bl-Ingliż, u kombinazzjonijiet tat-tliet għażliet. Madankollu, filwaqt li fil-kapitli ta' qabel stajt niffoka fuq it-toponomija *fiżika* tal-Afrika u tal-Amerka t'Isfel mingħajr ma dħalt wisq f'dik *politika*, fejn jidħlu l-ismijiet tal-gżejjer, it-toponomija fiżika u dik politika jiltaqgħu bilfors – bi ftit eċċezzjonijiet li se naraw iktar 'il quddiem – għas-sempliċi raġuni illi l-isem ta' gżira jaqbel mal-isem tat-territorju, mogħti ta' sikwit (jew fil-Karibew, tista' tgħid kważi dejjem) minn lingwi li kienu jew għadhom kolonjali.

Il-koinċidenza bejn iż-żewġ tipi ta' toponomija taf tidher barka li tissemplifika x-xogħol toponomastiku, iżda fil-fatt tikkomplikah, u mhux ftit. L-ewwel nett, l-Ingliż mhux dejjem ikun il-lingwa pont – dawk il-gżejjer li ilhom ċertu żmien bl-istatus ta' stat nazzjon diġà għandhom ismijiet bil-Malti, li jistgħu jkunu xi ftit jew wisq standardizzati, ġeneralment abbażi tat-Taljan. Hemm mumenti fejn il-forom bit-Taljan u bl-Ingliż jikkompetu, proprju fejn jiltaqgħu d-dinja Latina u dik Anglosassona – eżempju minnhom, li ħaqqu diskussjoni fit-tul iktar 'il quddiem, huwa isem il-gżira **Puerto Rico**, territorju tal-Istati Uniti iżda parti integrali mid-dinja Ispanika, magħruf bit-Taljan bħala *Porto Rico* (iżda mhux **Porto Ri<u>cc</u>o*). Hemm stejjer kumplessi, kumplikazzjonijiet ġeopolitiċi, lingwi li jidħlu f'lingwi, li flimkien jinsġu għoqda frustranti, iżda daqstant ieħor stimulanti.

Ta' iżolan (jew 'gżejri'?) li jien, inkun nixtieq nimxi bl-ikbar rispett lejn il-popolazzjonijiet ta' kull gżira. Ovvjament, mhux billi nipprova mmur lura jew nersaq kemm nista' lejn it-toponimi indiġeni (f'kull każ, uħud minnhom ġew adottati mil-lingwi kolonizzaturi), iżda billi nkun konxju ta' ċerti realtajiet politiċi u lingwistiċi meta niġi biex niddeċiedi favur traduzzjoni kunċettwali, trażlitterazzjoni, jew tħollija f'lingwa pont jew oħra. Fl-istess ħin, m'hemmx xi ngħidu, inħoss id-dmir li ma nfixkilx lin-navigatur Malti tal-mappa iktar milli ngħinu – il-mappa għandha tkun trasparenti, fis-sens illi tinftiehem u tinħass (jew faċilment issir tinħass) naturali għall-għajnejn tal-qarrej.

Jien u ngħarrex il-gżejjer fuq mappa kbira tan-*National Geographic*, mhux biss fil-Karibew iżda wkoll f'ibħra oħra, stabbilejt seba' kategoriji ta' ismijiet tal-gżejjer bl-Ingliż. Għal kull kategorija, meta niġu biex infittxu isem Malti, hemm tendenza lejn traduzzjoni, trażlitterazzjoni jew żamma tal-forma Ingliża, iżda b'eċċezzjonijiet. Qabel ma naraw dawk is-seba' kategoriji, hemm imqar erba' kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu diskussi biex inkunu nistgħu nbaħħru mingħajr wisq taqlib. Fid-dawl tal-kumplessitajiet, u minħabba t-tqabbil u l-kuntrast meħtieġa biex jitfissru, il-vjaġġ imsemmi mal-ħnejjiet tal-gżejjer tal-Karibew mhux se jkun lineari. Biex ma nitwerrċux, u biex inżommu l-perspettiva proprjament ġeografika, tajjeb li nirreferu għall-poster bil-mappa tar-reġjun.

**Erba' kunsiderazzjonijiet fit-traduzzjoni (jew le) tal-ismijiet tal-gżejjer**

**(i) Trikkib kważi totali bejn it-toponomija fiżika u dik politika**

F'dan il-proġett, kif spjegajt mill-bidu nett, iddeċidejt li niffoka fuq it-toponomija *fiżika* iktar milli dik *politika*, mhux tant biex nevita l-polemiki fejn jidħlu l-ismijiet legali u popolari tal-istati nazzjon, iżda l-iktar għax l-ismijiet politiċi jiddependu minn dawk fiżiċi: l-art tiġi qabel l-entità li tinħoloq fuqha, u ħafna pajjiżi huma msemmija, imqar parzjalment, għal kontinenti, reġjuni, xmajjar, u elementi naturali oħra. Madankollu, fejn jidħlu l-ismijiet tal-gżejjer, it-toponomija fiżika bilfors tintrikeb minn dik politika, għax il-post ġeografiku u l-ispazju politiku (mingħajr ma ngħoddu l-hekk imsejħa 'ilmijiet territorjali') ikollhom l-istess fruntieri.

L-ewwel mistoqsija li rridu nwieġbu meta navviċinaw l-isem ta' gżira jew arċipelagu hija jekk l-art inkwistjoni tikkostitwix stat nazzjon għalih; jekk iva, diġà hemm isem Malti eżistenti, li wieħed jista' jivverifika fil-lista tad-dizzjunarju ta' Aquilina – li ssegwi t-tradizzjoni Taljaneġġjanti – u/jew fl-Anness A5 tal-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali tal-UE. Jew biex inkunu preċiżi, ħafna drabi, diġà jkun hemm *ismijiet Maltin* eżistenti, fil-plural, minħabba varjanti fost il-verżjonijiet ta' Aquilina, tal-Anness A5 ta' qabel u ta' wara Jannar 2015, u l-użi spiss inkonsistenti, jekk mhux ukoll żbaljati, fl-istampa u fil-leġiżlazzjoni Maltija,[2] faċilment misjuba permezz ta' tiftix fl-MLRS.

Bħala toponimi proprjament politiċi, għall-ismijiet tal-pajjiżi, inkun nixtieq insegwi reliġjużament il-verżjoni aġġornata tal-Anness A5 imsemmi, xogħol il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti f'isem l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-KE. Madankollu, fil-fehma tiegħi, il-lista ppubblikata f'Jannar 2015 tixhed prudenza u apprensjoni żejda min-naħa tal-Kunsill, mhux tant għax ibbaża iktar fuq l-Ingliż bħala lingwa pont (deċiżjoni li llum għandha l-loġika tagħha), iżda għax beża' mill-possibbiltà tat-traduzzjoni jew tat-trażlitterazzjoni fejn dawn diġà kienu qegħdin isiru, u mhux biss fid-dokumenti tradotti fi ħdan l-UE. Pereżempju, biex nibqgħu fil-Karibew, jekk inqabblu l-Anness A5 pre-2015 ma' dak post-2015, naraw li l-ismijiet Maltin tal-istati nazzjon *il-Baħamas, Dominika, Santa Luċija* saru *il-Bahamas, Dominica, Saint Lucia*. F'każijiet bħal dawn nippreferi mmur 'lura' għall-forma Maltija eżistenti, li kienet diġà laqgħet il-gżira inkwistjoni fil-kuxjenza ġeografika tal-Malti, u għaldaqstant hija iktar – mhux inqas – rispettuża lejn l-isem tal-gżira, u fl-istess nifs ukoll lejn il-popolazzjoni tagħha.

Fil-Karibew, l-uniċi ismijiet ta' gżejjer li jistgħu jitqiesu fiżiċi iżda mhux politiċi huma dawk il-gżejjer maqsumin, amministrattivament, f'żewġ stati nazzjon jew f'żewġ territorji ta' stati mbiegħda differenti:

---

[2] Ara pereżempju l-lista tal-pajjiżi fi tmiem ir-*Regolamenti tad-Dwana* (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 37.05, is-Sitt Skeda, p. 92 'il quddiem, l-aħħar aġġornament fl-2000): għalkemm hija interessanti l-proposta **Pwerto Riko*, il-lista turi għadd ta' żvisti u inkonsistenzi, fost l-oħrajn *l-India* bla J, *il-Macaw* bis-C iżda bil-W, *il-Ginea* iżda *l-Gineja-Bissaw*.




**Hispaniola**, li fuqha nsibu l-istati nazzjon tal-**Ħaiti** u tar-**Repubblika Dominikana**. Din il-gżira għandha l-istess isem miktub bl-Ingliż u bit-Taljan, li baqgħu jirrispettaw il-forma Latina minkejja l-aġġornament Spanjol tagħha f'*La Española*.

L-isem tal-pajjiż **il-Ħaiti**, għalkemm qasir, huwa sproporzjonatament problematiku, għal tliet raġunijiet. Kif tixhed sempliċi tiftixa fil-korpus tal-MLRS, m'hemmx qbil, lanqas fost id-dokumenti tradotti għall-UE, fuq jekk l-isem għandux jieħu l-artiklu, jew jekk l-H għandhiex tkun maqtugħa. Fl-ewwel każ, jista' jkun li min jikteb eż. "f'Haiti" jew "f'Ħaiti" jassumi li l-pajjiż jokkupa l-gżira sħiħa (flok terz minnha), u allura jsegwi b'analoġija, anki subkonxja, it-tendenza li l-ismijiet tal-gżejjer jkunu mingħajr artiklu. Bħala isem ta' stat, nemmen li l-artiklu hemm bżonnu, kif fil-fatt jingħata fil-lista tal-Anness A5 tal-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali tal-UE, kif aġġornata f'Jannar 2015. It-tieni nett, għalkemm l-MLRS juri preferenza għall-forma bl-H mhix maqtugħa (*Ħaiti* 116 vs *Haiti* 436), mill-ġdid, bħala isem ta' stat, nemmen li fejn possibbli u fattibbli, jixraq li nittrażlitteraw għall-faċilità tar-referenza. It-tielet diffikultà tinstab fil-vokali tan-nofs: jinstemgħu fuq fomm il-Maltin it-tlissina la Ingliża /ˈheɪti/ (*ħej-ti*), b'dittong, kif ukoll dik la Taljana /aˈiti/ iżda bl-h imleħħna (*ħa-i-ti*), bi djereżi. Billi t-tradizzjoni, mhux mid-dizzjunarju ta' Aquilina 'l hawn iżda minn qabel, hija li l-ismijiet tal-pajjiżi jimxu l-iktar fuq il-forom bit-Taljan, jaqbel li nippreferu l-forma bid-djereżi; u ladarba l-forma miktuba tinfluwenza wkoll it-tlissin (speċjalment għal toponimi politiċi mbiegħda fil-kuxjenza ġeografika Maltija), l-H tista' tgħid tinqata' fil-griżmejn awtomatikament.



San Martin, mappa żgħira. Sors: Wikipedia.

Il-gżejra ta' **San Martin**, isem li nqisu tradućibbli mill-Ingliż *Saint Martin*, bħal toponomi oħra li huma 'ħaġjonomi', jiġifieri msemmija għal qaddisin, kif nispjega iktar 'l isfel fil-kunsiderazzjoni (ii). Dan huwa l-isem *fiżiku* tal-gżejra, li tinsab kważi fuq nett tal-Antilli ż-Żgħar, 300 km fil-Lvant ta' Puerto Rico. Fuqha jeżistu żewġ territorji ta' stati li l-metropoli tagħhom tinsab imbiegħda: fix-xaqliba tat-Tramuntana (madwar 60%), ***Saint-Martin***, li sal-2007 kien politikament parti mid-*département* Franċiż ta' Guadeloupe u mbagħad sar *collectivité d'outre-mer* għaliha; u fix-xaqliba tan-Nofsinhar (madwar 40%), ***Sint Maarten***, 'pajjiż kostitwenti' tar-Renju tal-Olanda. Dawn huma ismijiet *politiċi*, mhux tradotti bl-Ingliż u lanqas bil-Malti; l-isem tal-gżejra, toponimu *fiżiku*, inqisu tradućibbli mhux sempliċement għax ħaġjonimu, iżda għax huwa ħaġjonimu li fl-Ingliż u f'lingwi oħra (es: *San Martín*) huma r-riżultat ta' traduzzjoni.

Kif għidt, it-trikkib bejn it-toponomija fiżika u dik politika mhux dejjem jiffrankalna x-xogħol toponomastiku; anzi, ġieli jikkomplika l-ħolqien u r-rispett tal-kriterji għat-traduzzjoni, fost l-oħrajn għaliex l-arbitrarjetà tat-tismija politika-legali tista' timponi ruħha fuq toponimu fiżiku fejn dan forsi seta' kien differenti. Dan huwa l-każ ta' **Puerto Rico**, imsemmi fil-qosor qabel.

Tista' tidher stramberija, jew inkonsistenza infeliċi, li fuq l-istess mappa tal-Karibew, insibu l-isem politiku *il-Kosta Rika*, trażlitterat, iżda mhux, ngħidu aħna, il-forma **Pwerto Riko*. Apparti l-iskumdità grafika (soġġettiva dejjem) tal-W flok l-U, bħala parti mid-dinja Latina, bil-Malti din il-gżira setgħet tissejjaħ **Porto Riko* abbażi tat-Taljan *Porto Rico*. Iżda lil hinn mill-fatt li l-gżira hija territorju tal-Istati Uniti, mhux stat nazzjon indipendenti (għaldaqstant jirbaħ l-isem Ingliż, li min-naħa tiegħu jirrispetta l-forma bl-Ispanjol, lingwa kouffiċjali tat-territorju) hemm kumplessità lingwistika storika.

L-isem Taljan/Ingliż *Costa Rica* ma nqisux kunċettwalment tradućibbli, għax ma ġiex tradott mill-Ispanjol f'dawk il-lingwi. Tista' tkun




Sempliċi kurżità, minn atlas tad-dinja bl-Għarbi: 'Porto Riko', abbażi tal-isem uffiċjali tal-gżira qabel l-1931. Meta tagħmel trażlitterazzjoni fi skritt differenti, m'hawnx għalfejn tħabbel rasek fuq fejn tista' jew ma tistax tibdel is-C f'K, l-U f'W, eċċ., għax tittraskrivi sempliċement il-ħoss. Fejn ikun hemm fonemi li ma jeżistux fl-Għarbi proprju, l-alfabet joffri ċerti soluzzjonijiet: f'dan l-eżempju, taħt il-baa' nsibu tliet tikek flok tnejn, biex l-ittra tiġi titlissen /p/.
Syd Nasr, Muhammad, 2005. Atlas al-'alam (Maktabat Lubnan), p. 86.

trażlitterabbli, bħal *Ħong Kong* – daqslikieku ż-żewġ nofsiet tal-isem huma kelma waħda, għax l-ispazju ma jaffettwax it-tlissin (iżda jibqa' indikat għall-għarfien grafiku). Fil-forma possibbli **il-Kosta Rika**, l-ewwel kelma tidher traduzzjoni, iżda din hija biss kumbinazzjoni; tali forma hija r-riżultat ta' sempliċi trażlitterazzjoni. Jista' jkun li din il-kumbinazzjoni tgħin biex it-trażlitterazzjoni nilqgħuha aħjar, iżda l-bidla tas-C f'K xorta waħda ma toħloqx reżistenza grafika fil-Malti. Jew tal-anqas, mhuwiex adattament problematiku, jew oġġezzjonabbli, daqs l-U > W.

Il-każ ta' *Puerto Rico* huwa iktar kumpless. L-ewwel nett għax it-Taljan jaqleb l-ewwel nofs f'*Porto* u ma jmissx it-tieni nofs, daqslikieku l-gżira kienet imsemmija għal port bl-isem *Rico* pjuttost milli għal port sinjur, u allura, **il-Port Rico* jew *Riko* kieku tkun falsifikazzjoni. It-tieni raġuni hija politika – avolja din il-gżira titqies parti mid-dinja Latina (b'94.4% tal-popolazzjoni jitkellmu bl-Ispanjol bħala l-ilsien omm tagħhom), hija territorju tal-Istati Uniti. F'każ bħal dan, ikun diffiċli ħafna, anzi kontroproduċenti, li nisseparaw it-toponomija fiżika minn dik politika: għal gżira li mhijiex maqsuma bejn żewġ stati jew iktar, ma tantx jagħmel sens li l-isem tal-gżira jieħu forma differenti mill-isem tat-territorju. Billi *Puerto Rico* mhuwiex strettament pajjiż, ma nistgħux nibbażaw fuq il-forma Taljana, kif nagħmlu s-soltu għall-ismijiet tal-istati nazzjon. Dan ifisser li rridu nimportaw mill-forma Ingliża; l-

isem Malti jibqa' kif jinkiteb bl-Ingliż, bħal toponimi oħra tal-Istati Uniti li jirrispettaw il-grafika oriġinali Spanjola, fosthom *San Francisco, El Paso,* eċċ. Jew *Los Angeles*, proprjament trażlitterazzjoni, għax l-Ingliż waqqa' l-aċċent fuq l-A ta' *Ángeles*.

Hawnhekk jidħlu l-kumplessitajiet storiċi. Mal-iffirmar tat-Trattat ta' Pariġi fl-1898, l-Istati Uniti kienu biddlu l-isem tal-gżira għal *Porto Rico*, iżda marru lura għal *Puerto Rico* b'riżoluzzjoni tal-1931. Jista' jkun li l-isem Taljan ġej minn dak uffiċjali ta' qabel l-1931, u baqa' hekk għax jinħass naturali, l-istess bħalma *Kosta* tinżlilna sew fit-trażlitterazzjoni għal *il-Kosta Rika*. Li kieku stajna navviċinaw l-isem *Puerto Rico* bħala toponimu fiżiku indipendentement mis-sitwazzjoni politika, kienet tqum il-mistoqsija rigward it-trażlitterazzjoni għal **Pwerto Riko*, iżda mhuwiex il-każ.

Xorta waħda, iktar 'il quddiem, se niġu f'punt fejn ikollna nindagaw iktar fuq il-limiti eventwali tat-trażlitterazzjoni. Hemm trażlitterazzjonijiet li jgħinu, li jħaffu l-qari, li jimportaw kelma mingħajr sforz żejjed jew tqanżiħ. Iżda hemm ukoll trażlitterazzjonijiet li jfixklu, li jistonaw wisq grafikament biex jintlaqgħu u jinħassu naturali. L-U li ssir W mhijiex problema f'forom stabbiliti bħan-**Nikaragwa**, jew imqar, ma tantx toħloq reżistenza lejn it-tmiem ta' kelma, bħal fil-każ tal-gżira *Antigwa*, parti mill-istat **Antigwa u Barbuda** f'nofs il-Gżejjer ta' Taħt ir-Riħ. Iżda **Pwerto*, xi ftit forsi bħal **mowbajl* anki jekk din ġejja mit-tlissin Ingliż, tinħass stramba x'aktarx għax il-W donnha tagħti wisq piż grafiku lill-kelma f'dik il-pożizzjoni.

**(ii) Il-ħaġjonomi**

Id-devozzjoni tal-kolonizzaturi Kattoliċi lejn folla ta' qaddisin, u l-missjonijiet ta' evanġelizzazzjoni li segwew ir-rima tal-vjaġġi tagħhom, taw lok għat-tismija frekwenti tal-postijiet 'skoperti' għall-qaddis ta' preferenza ta' min inzerta kien qed 'jgħammed' l-art. Fil-Karibew insibu konċentrazzjoni partikolarment għolja ta' dawn il-ħaġjonomi.[3] Kif rajna fl-artiklu dwar l-Amerka t'Isfel (*l-aċċent* ħarġa 13, p. 30), it-toponimi msemmija għal qaddisin ġeneralment nistgħu naqilbuhom, pereżempju *Kap Santu Rokku*. Spiss, madankollu, il-lingwa pont tħalli tali ismijiet fl-ilsien tal-post, kif kien il-każ tal-*Golfi San Matías* u *San Jorge*.

Fost il-gżejjer Karibej li jġorru ħaġjonimu, l-iktar imsemmija, fis-sens li l-iktar familjari lil hinn mill-baħar u r-reġjun tagħhom jew tal-inqas l-iktar viżibbli fuq il-mapep, huma dawk li jinzertaw ukoll stati nazzjon (flimkien mal-gżejriet satelliti tagħhom): hemm il-gżejjer ta' **Santa Luċija**, **San Vinċenz (u l-Grenadini)**, u **San Kristofru (u Nevis)**, kollha traduċibbli u tradotti. Fil-każ tal-aħħar, bl-Ingliż jikkoeżistu l-ismijiet *Saint Christopher* u *Saint Kitts (and Nevis)*, bil-kelma *Kitts* ġejja mit-taqsiriet *Kit* jew *Kitt* (biż-żieda tal-S ġenittiva), li kienu komuni fis-seklu 17; għaldaqstant, jaqbel li bil-Malti naċċettaw ukoll il-varjant **San Kitts u Nevis**. Anzi, dan il-varjant għandu jieħu l-preferenza, kif jiġri bl-Ingliż stess, għax *Kitts* hija iktar speċifika u tifforma parti importanti mill-identità tal-gżira.

[3] Jew biex kieku nkunu preċiżi, *ħaġjotoponimi*, iżda fil-qasam tal-onomastika, il-forma l-qasira titqies biżżejjed biex tirreferi għall-ismijiet tal-postijiet. Ara *Names – A Journal of Onomastics*, vol. 63 (2015), p. 37.

Ma jinqalbux, madankollu, dawk il-ħaġjonomi li l-Ingliż iħalli fil-lingwa uffiċjali tal-post, x'aktarx proprju għax huma ismijiet li jinħassu 'lokali' wisq biex jiġu adattati u adottati fi lsien ieħor: il-gżira **Sint Eustatius**, ngħidu aħna, meqjusa legalment bħala muniċipalità esterna tar-Renju tal-Olanda, iżżomm l-istess forma bl-Ingliż u bil-Malti.




Dettall minn mappa politika, bl-Ingliż, ta' wħud mill-Antilli ż-Żgħar, fosthom gżejjer b'ħaġjonimu.

Każ xi ftit kumpless, li b'ċertu mod huwa eċċezzjoni li tikkonferma r-regola, huwa dak li diġà rajna fil-kunsiderazzjoni (i) hawn fuq, il-gżira **San Martin**. Dan l-isem huwa tradott mill-Ingliż *Saint Martin*, anki jekk l-Ingliż mhuwiex lingwa uffiċjali tal-post. Ftit fix-Xlokk minn San Martin, hemm gżejra oħra msemmija għal qaddis, **Saint-Barthélémy** (fil-fatt, Kristofru Kolombu għammed il-gżira bl-isem ta' ħuh Bartolomeo, permezz ta' isem qaddisu). Din il-gżira għandha isem Ingliż ukoll, *St Barts* jew *St Barths*, għalkemm dawn huma tikketti familjari kkalkati fuq it-taqsira Franċiża lokali *Saint-Barth*. L-isem proprju tal-gżira bl-Ingliż, u bil-Malti, jibqa' *Saint-Barthélémy*.

Din ir-regola ġenerali ta' ħaġjonomi li jinqalbu bil-Malti jekk diġà ġew tradotti fil-lingwa pont, jew li jibqgħu fil-lingwa pont fejn din tkun qed tirreproduċi l-kitba tal-isem fil-lingwa (lokali u/jew kolonjali) tal-post, tgħodd ukoll għal elementi ġeografiċi oħra lil hinn mill-gżejjer. Pereżempju, fit-tarf nett tal-Punent ta' Kuba, insibu l-**Kap San Antonio**.

Nhar il-21 ta' Ottubru 2016 fil-Mużew Marittimu tal-Birgu, bħala parti mill-konferenza *Dimensjonijiet Ġodda fit-Traduzzjoni f'Malta* mtellgħa mill-Inizjamed f'isem id-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea, tajt taħdita bl-isem **"Minn mappa għal mappa: it-traduzzjoni tkabbar il-gżejjer"**. Hemm vidjo disponibbli fuq http://www.youtube.com/watch?v=rmA5dNtRDR4 (21:00-37:15).

Dan l-artiklu ta' Antoine Cassar ikompli fil-ħarġa li jmiss

# Id-Dritt qatt ma jista' jkun mgħawweġ – Liġi u konswetudni, drawwa u użu

Dr Alan Xuereb

## ID-DRITT U L-LIĠI

Dawn id-distinzjonijiet huma favoriti ferm tal-avukati u anki ta' dawk li jqisu ruħhom bħala ġuristi jew bħala filosfi tad-dritt. Minkejja li fil-ħajja ta' kuljum dawn it-termini huma użati b'mod interkambjabbli, fil-ħajja legali, filosofika jew politika għandhom tifsiriet distinti.

Naf li f'din il-pubblikazzjoni mhux l-ewwel darba li ġie ttrattat dan is-suġġett b'riferiment partikolari għall-użu tat-terminu [D]ritt kif distint mil-Liġi. Ma nagħmlux ħażin jekk infakkru ftit id-definizzjonijiet sabiex minn hemm imbagħad inkunu nistgħu niddiskutu d-distinzjonijiet.

Il-kunċett ta' "**Liġi**"[1] jew *lex* bil-Latin x'aktarx ġej mit-terminu Ligo.

Skont l-imħallef Emeritus il-Professur Ġ. Mifsud Bonniċi d-**Dritt**[2] jista' jiġi ddefinit bħala "dik il-propożizzjoni, li hija miktuba jew li tista' tinkiteb, li tippreskrivi komportament ġust".

B'mod iktar utilitarju u sempliċi nirreferu għad-dritt kummerċjali, id-dritt ċivili, id-dritt kriminali, id-dritt kostituzzjonali, eċċ... dan ifisser li nkunu qegħdin nirreferu għal "l-assjem tal-għarfien fuq suġġett"[3] kif deskritt f'ħarġa preċedenti ta' din il-pubblikazzjoni. Id-dritt, għalhekk, isir punt ta' riferiment ġuridiku fil-qasam partikolari li jirregola. Pereżempju, f'pajjiżna għandna d-dritt ċivili, li jinkludi l-leġiżlazzjoni,[4] id-dottrina u l-ġurisprudenza kollha li tirregola l-qasam ċivili bħal, ngħidu aħna, l-istitut tal-adozzjoni, id-divorzju, il-wirt, il-bejgħ u x-xiri, il-kiri, eċċ.

F'dan l-eżempju qed nifhmu d-Dritt bħala "Law" u mhux bħala "rights" jew inkella jeddijiet. B'mod sempliċi qed ngħidu li d-dritt huwa sett ta' regoli preskrittivi, xi wħud leġiżlattivi, xi wħud oħra "maħluqa" jew "iċċarati" mill-ġurisprudenza u/jew mid-dottrina. L-idea ewlenija hija li dak li huwa "dritt" ma jistax ikun "mgħawweġ"[5] u għaldaqstant, b'mod iktar filosofiku, għandu jkun ġust. Leġiżlazzjoni ta' pajjiż li tikkristallizza ruħha f'Att jew regolament hija eżempju ta' liġi pożittiva,[6] ta' biċċa mid-dritt f'dak il-qasam. Jekk dik il-leġiżlazzjoni tikser xi wieħed mill-kanoni ġenerali tad-dritt f'dak il-qasam li tirregola, jew inkella ta' xi regola iktar fundamentali, bħal ngħidu aħna l-Kostituzzjoni[7] ta' dik is-sistema legali, din il-

[1] Ara "Henry Nettleship's Contributions to Latin Lexicography" (Oxford, 1889), http://en.wikipedia.org/wiki/Henry_Nettleship.

[2] Li għandu dejjem jinkiteb skont l-istess professur bid-"D" majjuskola.

[3] Ara Sammut, Dr Mark A. – l-awtur jissuġġerixxi validament li għandna nużaw dritt meta fil-lingwa li nkunu qed nittraduċu minnha jkollna "Diritto, Droit, Derecho..." jew Recht fil-Ġermaniż.

[4] Il-liġi, ir-regolamenti, eċċ.

[5] Lectures tal-Filosofija tad-Dritt, Ottubru 1989.

[6] Intiża bħala 'regola pożitata', miktuba u promulgata.

[7] Ara Xuereb, Dr Alan, teżi tal-M.Phil. "The relationship between unjust laws and unconstitutional Acts," l-Università ta' Malta, 2004.

leġiżlazzjoni tista' tiġi kkontestata l-validità tagħha u anki annullata mill-qorti kompetenti. Dan iseħħ peress li, minkejja li dik ir-regola jkollha saħħa ta' liġi, għaliex tkun għaddiet mill-fażijiet ta' promulgazzjoni kollha stabbiliti u imposti minn dik is-sistema, il-kontenut jew l-effetti tagħha jmorru kontra r-regoli l-oħra tad-dritt nazzjonali ta' dak l-Istat.

Jista' jiġri wkoll li jkun hemm sitwazzjoni fejn il-liġi kkontestata ma tmur kontra ebda regola tad-dritt intern nazzjonali, iżda tkun tikser xi trattat jew konvenzjoni internazzjonali li dak l-Istat ikun impenja ruħu li josserva. Hawnhekk, l-istrumenti għall-kontestazzjoni jistgħu jkunu simili però differenti mill-mekkaniżmi legali li semmejt fil-każ ta' meta tinkiser regola tad-dritt intern.

Huwa importanti li dan il-punt jinftiehem sew sabiex kull traduzzjoni ssir f'dan l-isfond legali u mhux biss 'mekkanikament' kif kultant jista' jiġri lil kulħadd.

L-argument jikkomplika ruħu iktar meta ma' dawn id-distinzjonijiet ta' natura legali tiżdied oħra iktar filosofika: il-moralità. Jeżisti dibattitu fid-dinja legali, wieħed kontinwu, bejn dawk li jissejħu pożittivisti u l-oħrajn li huma ġustnaturalisti.[8] Il-ġuristi pożittivisti, bħal Kelsen, Hart u Raz, jaraw lill-ġuristi ġustnaturalisti, bħal San Tumas (fil-Medjuevu) u Finnis (kontemporanju), bħala xi ftit inġenwi jew x'aktarx li ma jagħmlux distinzjoni bejn ir-realtà legali u dik morali. U meta nitħaddtu dwar distinzjonijiet bejn pożittiviżmu u naturaliżmu l-eżempju li jiġini f'moħħi huwa dak tal-liġijiet[9] antisemiti ppromulgati mill-Partit Nazzjonali Soċjalista Ġermaniż fl-1933.[11] Dan huwa eżempju tajjeb biex nispjegaw kif xi liġijiet jistgħu jkunu perfettament validi mill-forma u l-proċedura segwita u fl-istess ħin ma jkunux jistgħu jissejħu "Dritt".

Din it-taqbida bejn liġijiet "mgħawġa" u d-Dritt mhijiex ġdida. Pereżempju, San Tumas ta' Akwinu kien tal-fehma li "*Lex inivsta non est lex*"[12] jiġifieri liġi li mhijiex ġusta mhijiex liġi. Għal dawk il-ġustnaturalisti puristi din il-frażi hija kważi emblematika ta' kif għandha timxi soċjetà. Fil-fehma tiegħi ħafna mill-kunċetti sostantivi kostituzzjonali li jeżistu llum, bħalma huma ċerti garanziji għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u oħrajn, huma evoluzzjoni ta' dan il-prinċipju.[13] Madankollu, din il-frażi, għalkemm romantikament sabiħa,

[8] Hemm żewġ skejjel prinċipali fil-qasam tal-filosofija tad-dritt. B'mod issemplifikat immens hemm dik l-iskola Pożittivista li temmen li kull preskrizzjoni leġiżlattiva hija liġi indipendentement mill-kontenut tagħha u dik Ġustnaturalista li temmen li l-kontenut jista' jċaħħad preskrizzjoni leġiżlattiva milli tikseb l-istatus ta' liġi.

[9] Ara *Gesetz zur Wiederherstellung des Berufsbeamtentums*, Il-Liġi għar-Restawr tas-Servizz Pubbliku Professjonali, 7 ta' April 1933. Eżempji oħrajn huma l-Jim Crow Laws li jippreċedu l-leġiżlazzjoni Nazzjonal Soċjalisti, vide: http://www.ferris.edu/jimcrow/what.htm.

[10] Ara wkoll Nürnberger Gesetzen: das *Gesetz zum Schutze des deutschen Blutes und der deutschen Ehre* (RGBl. I S. 1146) u das *Reichsbürgergesetz* (RGBl. I S. 1146).

[11] Aquinas, T. I-II, q. 95, a. 2c.

[12] Ara Xuereb, Alan idem.

[13] Ara http://link.springer.com/article/10.1023%2FA%3A1026443618400# Law and Philosophy 2000, Volume 19, Issue 4, pp. 433-449. Trial by Slogan: Natural Law and Lex Iniusta Non Est Lex J.S. Russell; Míriam Beltran Camps, Diploma in Legal Studies, Pompeu Fabra University, University of Oxford, Primavera, 2011.



SUN

Governor-General Pledges Clean Election In Philippines On Tuesday —Page 3

TEMBER 16, 1935

18 Pages 2 Cents

ES TO BARE
RY BEHIND
G TRAGEDY

er's Jury At Weiss
est Today To Sift
harges Of Plot

OF SPLIT
RANKS APPEAR

HITLER DEPRIVES JEWS OF CITIZENSHIP RIGHTS, BANS INTERMARRIAGES

THREATENS OTHER STEPS TO SOLVE RACE PROBLEM

What regulations, what rule comes next?

Sun, 1935: anki jekk mhux dritt, liġi inġusta għandha effetti fuq min hu suġġett għaliha

x'aktarx għandha nuqqas inerenti fiha. Jiġifieri li liġi, anki jekk mhix dritt, anki jekk tiġi annullata qisha qatt ma eżistiet, għall-perjodu li tkun fis-seħħ, ikollha s-saħħa ta' liġi daqs kwalunkwe liġi li tkun kompatibbli mal-ordinament ġuridiku intern. Fi kliem ieħor tkun liġi vinkolanti. Jiġifieri San Tumas f'din il-frażi jidher li qisu ma kienx qed jieħu inkunsiderazzjoni d-dimensjoni temporali ta' liġi. Jew forsi ma kienx qed jenfasizzaha. Għaldaqstant, tqum il-kwistjoni ta' jekk fil-perjodu li din il-liġi inġusta tkun fis-seħħ għandhiex natura ta' liġi jew le. Għal San Tumas m'għandhiex. Għan-Nażisti u l-vittmi tagħhom il-validità tal-liġijiet kienet reali ferm. Għaldaqstant, forsi l-espressjoni iktar storikament korretta ta' din il-frażi tista' tkun "*Lex inivsta non est Ivs*"! Madankollu, ninsab ċert li San Tumas kellu proprju dan il-kunċett f'moħħu u ried jenfasizza kemm hija abbominevoli liġi li hija inġusta.

**L-UŻU, L-UŻANZI U L-KONSWETUDNI**

Jeżistu, imbagħad, ftit distinzjonijiet fini bejn użanzi, użijiet u użi li bl-Ingliż jikkorrispondu f'dik l-ordni bħala "customs", "usages" u "uses".

**Użu – *use***

Nibda bl-ewwel kunċett li huwa l-iktar wieħed użat (sic) jiġifieri dak ta' "użi" (uses). Dan sempliċiment ifisser il-modi preżumibbilment diversi ta' kif jiġi mħaddem oġġett jew kunċett partikolari. Fi kliem ieħor, x'tista' tagħmel bih dan l-oġġett jew dan il-kunċett. Fil-fatt fl-Għarbi t-terminu "użu" jista' jiġi tradott bħala استعمال (istagħmael).

**Użanzi**[14] **– *usages***
Dan huwa mod ta' kif isiru l-affarijiet li jkunu saru drawwa jew prassi (الأعراف – Al-Agħraaf) però ma jkunx għadu akkwista (neċessarjament) is-saħħa ta' konswetudni u allura jkun għadu ma sarx legalment rilevanti.

**Konswetudni – *custom***
Il-konswetudni espressa fil-lingwa Ingliża bħala *custom* hija aspett ferm importanti tal-univers legali, partikolarment fil-qasam kummerċjali. Interessanti ferm huwa li t-terminu użat fl-Għarbi għall-kunċett ta' konswetudni huwa '**urf**' (العرف) li jfisser ukoll għerf (knowledge) ta' dik is-soċjetà partikolari.[15]

Il-konswetudni tirreferi għal regola li tkun ilha teżisti għal ħafna snin, tant li tkun kisbet is-saħħa ta' liġi. Konswetudni ġeneralment ikollha l-karatteristiċi li ġejjin:

- tkun liġi mhux miktuba, jiġifieri mhux regolata permezz ta' leġiżlazzjoni;
- tkun ċerta billi tiddefinixxi b'mod ċar il-prinċipju jew regola tal-konswetudni;
- tkun żgura fl-applikazzjoni tagħha f'kull każ partikolari sabiex tindika b'ċertezza d-drittijiet mogħtija mill-konswetudni; u
- tkun ilha teżisti mingħajr interruzzjoni għal numru ta' snin.

Konswetudni li jkollha dawn il-karatteristiċi tista' tkun rikonoxxuta u infurzata mill-Qrati Maltin jekk il-kwistjoni titressaq quddiemhom.

Il-Liġi Kummerċjali hija qasam tal-liġi fejn il-konswetudni tista' tiġi applikata.

Fil-fatt, fl-ordinament ġuridiku Malti huma l-ewwel u l-iktar mifruxa fil-Kodiċi Kummerċjali u cioè l-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta fejn fl-Artikolu 3 insibu:

> "F'affarijiet ta' kummerċ, tgħodd il-liġi tal-kummerċ:
> Iżda, fejn din il-liġi ma tiddisponix, jgħodd l-**użu** tal-kummerċ, u, fin-nuqqas ta' dan **l-użu**, tgħodd il-liġi ċivili."

Fil-verżjoni Ingliża ta' dan il-Kodiċi, l-espressjoni użata hija "usages":

> "In commercial matters, the commercial law shall apply:
> Provided that where no provision is made in such law, the **usages** of trade or, in the absence of such **usages**, the civil law shall apply."

Fl-interpretazzjoni ta' dawn il-kunċetti f'perspettiva usa' minn dik tal-kodiċi kummerċjali, it-terminu użat f'dan il-kuntest "**użu**" qed jirreferi għall-kunċett ta' "**konswetudni**", u mhux ta' **użu** jew **użanzi**.

Fil-fatt, skont din l-interpretazzjoni, l-użu (sic) tat-terminu "użu" mhux feliċi biex tiddeskrivi "usages" f'din id-dispożizzjoni.

Riferiment ieħor jinsab fil-Kapitolu 434, l-Att Dwar Kodiċi ta' Kondotta Għal Sistema ta' Riservazzjoni Komputerizzata.[16]

14 Jew drawwiet.
15 H. Patrick Glenn, *Legal Traditions of the World* (Oxford: Oxford University Press, 2007), 201.
16 http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8900&l=2

Jekk wieħed jagħti daqqa t'għajn ħafifa lejn il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali u s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mill-ewwel nintebħu li "customary law"[17] tiġi ħafna drabi tradotta:

> "...dawn ir-regoli huma l-espressjoni tad-dritt internazzjonali ġenerali ta' konswetudni."[18]

## KONKLUŻJONI

Naturalment, hemm ħafna iktar eżempji li wieħed jista' jsib dwar dan is-suġġett. Fost l-oħrajn, fid-dritt Brittaniku, fejn hemm diversi "constitutional conventions",[19] sad-dritt pubbliku internazzjonali,[20] fejn kellek ċerti prattiki li kienu saru regoli stabbiliti. Ovvjament, f'dan l-artiklu ma nistgħux nesploraw fid-dettall kull aspett ta' dawn id-distinzjonijiet. Madankollu, nittama li għall-inqas tfajt ftit dawl fuq għaliex dawn id-distinzjonijiet huma importanti.

*Dr Alan Xuereb huwa ġurista lingwista mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u membru tal-Oxford Philosophical Society.*

---

[17] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali – Jääskinen – 4 ta' Settembru 2014. *Sophia Marie Nicole Sanders vs David Verhaegen* (C-400/13) u *Barbara Huber vs Manfred Huber* (C-408/13).

[18] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tielet Awla) tas-6 ta' Frar 2014. *Helm Düngemittel GmbH vs Hauptzollamt Krefeld*, punt 37.

[19] https://en.wikipedia.org/wiki/Constitutional_conventions_of_the_United_Kingdom

[20] "Customary international law refers to international obligations arising from established state practice, as opposed to obligations arising from formal written international treaties. According to Article 38(1)(b) of the ICJ Statute, customary international law is one of the sources of international law. Customary international law can be established by showing (1) state practice and (2) *opinio juris*."

# L-anatomija u l-produzzjoni tat-tjur

Juan Debono

Minn mindu t-traduzzjoni għall-Malti ħadet spinta 'l quddiem bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, inħasset aktar il-ħtieġa li jkollna f'idejna glossarji tekniċi u komprensivi bil-Malti f'ħafna oqsma diversi, fost dawn fil-qasam tal-agrikoltura. Glossarju ta' termini agrikoli jista' jkun ta' ħtieġa għal ħafna persuni, mhux biss għal dawk li jaħdmu fit-traduzzjoni imma anke għal dawk in-nies li jiktbu fuq is-settur agrikolu, li jaħdmu fih u anke għal dawk li jiktbu letteratura li għandha x'taqsam mal-agrikoltura.

L-agrikoltura dejjem kienet settur li jinteressani. Minn mindu kont tfajjel kont inqatta' ħafna ġranet għand in-nanniet, niġri fl-għelieqi li llum sfortunatament ma għadhomx aktar. L-interess f'dan is-settur kompla żdied meta sibt ruħi naħdem fil-Kulleġġ tal-Agrikoltura. Hawn ġejt aktar f'kuntatt mill-qrib ma' nies li jaħdmu f'dan is-settur. Affaxxinajt ruħi meta smajthom jużaw termini agrikoli bil-Malti. F'ċerti setturi, fosthom fl-agrikoltura, il-lingwa Maltija hija għanja fit-terminoloġija teknika imma sfortunatament din tkun magħrufa kważi esklużivament min-nies midħla ta' dan is-settur. Hu importanti li nies li jiktbu jew jittraduċu materjal relatat mal-agrikoltura li jużaw it-terminoloġija Maltija li ilha magħna għal ħafna snin ma jħossux il-bżonn li jissellfu termini minn lingwi oħrajn. Dan mhux biss jgħin biex jużaw terminoloġija Maltija imma jgħin ukoll biex din it-terminoloġija ma tibqax tintuża biss min-nies li jaħdmu fis-settur agrikolu bir-riskju li tintilef

darba għal dejjem. Dan kien l-għan prinċipali li wassalni naħdem fuq glossarju tekniku dwar is-settur agrikolu bħala parti mix-xogħol li ridt nippreżenta għall-grad ta' MA fit-Traduzzjoni.

**Il-glossarju tekniku**

Ix-xogħol li ppreżentajt jien kien jiffoka fuq l-anatomija u l-produzzjoni tat-tjur. L-għażla waqgħet fuq dan is-settur wara li ġie f'idi dokument ċkejken b'termini li jintużaw fl-anatomija tat-tjur tradotti b'diversi lingwi Ewropej. Il-Malti ma kienx fosthom. Irraġunajt li hi ħasra li l-Malti mhux inkluż meta jeżistu termini Maltin għall-istess kliem. Għalhekk mill-ewwel għamilt il-ħsieb li bħala teżi għall-grad ta' MA fit-Traduzzjoni nibda naħdem fuq glossarju tekniku li jiġbor fih termini Maltin użati mhux biss fl-anatomija tat-tjur imma anke kliem tekniku Malti użat fil-produzzjoni tat-tjur.

Meta bdejt ix-xogħol fuq dan il-glossarju, kien hemm oqsma li mexxejt sew fuqhom imma kien hemm oħrajn li ħabbtuni ftit mhux ħażin. L-inqas oqsma li ħabbtuni kienu dawk fejn tidħol l-anatomija. Dan għax ħafna mit-termini użati huma l-istess bħal fl-anatomija tal-bnedmin u allura faċli ssib ekwivalenza Maltija għat-termini użati. Ma jfissirx li kollox kien ward u żahar għax xorta waħda kien hemm termini li ħabbtuni biex ħriġt l-ekwivalenza Maltija għalihom. Pereżempju kien hemm il-każ ta' "saddle" li jiena ttraduċejtha bħala 'rasblu', "oviduct" li jien ittraduċejt bħala 'kanal slovarju' u oħrajn. L-aktar qasam li ħabbatni kien meta ġejt biex nittraduċi termini li jintużaw fl-għalf tat-tjur. Naħseb li fil-lingwa Maltija ftit tajna attenzjoni lil dan il-qasam tant li ħafna kliem li jintuża hu kliem li ħallejnieh jidħol mill-Ingliż. Dan anke għax l-għalf li llum il-ġurnata jingħata lit-tjur hu għalf ip-proċessat u mhux kif kienu jużaw missirijietna meta kienu jrabbu t-tjur fuq l-ikel tal-mejda li kien jibqgħalhom. B'hekk, it-terminoloġija f'dan il-qasam hi pjuttost riċenti u allura għad ma kellniex ekwivalenza Maltija għaliha. Madanakollu ppruvajt noħloq ekwivalenza għal termini użati fl-għalf tat-tjur billi mhux biss rajt x'jingħad min-nies li jaħdmu f'dan il-qasam imma anke billi użajt kliem diġà eżistenti minflok irrikorrejt għat-terminu Ingliż. Hekk pereżempju għall-kelma Ingliża 'pellets' użajt 'żibeġ'. Wasalt għal din id-deċiżjoni wara li rajt l-għamla u kif jiġi deskritt dan it-tip ta' għalf.

Ritratt: Ian Falzon



L-għalf tat-tjur

**Ir-riżorsi li ħdimt bihom**

Għal dan il-glossarju użajt diversi riżorsi sabiex nittraduċi t-termini li għażilt mill-Ingliż għall-Malti. L-akbar riżorsa li sibt kienet in-nies li jaħdmu f'dan il-qasam. Huma l-esperti f'dan is-settur u mhux l-ewwel darba li tawni termini li huma jużaw ta' spiss bejniethom u li ma sibthom fl-ebda dizzjunarju, ktieb, artiklu

jew sit fuq l-internet. Niżżi ħajr lis-Sur John L. Bonnici, li tani għajnuna siewja fejn tidħol informazzjoni speċjalizzata f'dan il-qasam.

Użajt ħafna drabi d-dizzjunarji, partikolarment tal-Prof. Joseph Aquilina kif ukoll id-dizzjunarju u teżawru ta' Mario Serracino-Inglott. F'ħafna każi adottajt u użajt it-terminu li jagħtu huma għalkemm mhux dejjem qbilt magħhom. Użajt kotba u artikli li jittrattaw speċifikament it-tjur sabiex minnhom nieħu t-terminoloġija użata tradizzjonalment fil-Malti. Fost dawn ta' min insemmi l-ktieb '*Qiegħda fil-Ponta ta' Lsieni*' ta' Ġużi Gatt u artikli miktuba fir-rivista '*Biedja u Sajd*' li kienet toħroġ mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

Użajt ukoll dizzjunarji tat-Taljan u l-Franċiż. Dawn kienu utli meta ma sibtx kelma Maltija għal terminoloġija barranija u allura ridt nissuġġerixxi ekwivalenza Maltija. Permezz ta' dawn id-dizzjunarji studjajt l-etimoloġija tal-kelma barranija u rajt kif stajt noħloq kelma Maltija minnha. Dan ovvjament għamiltu bl-għajnuna kbira li tani t-tutur tiegħi, Dr Anthony Aquilina, speċjalment fejn tidħol il-lingwa Franċiża.

**Termini partikulari**

Matul dan ix-xogħol, waħda mill-ewwel diffikultajiet li ltqajt magħha kienet kif se nittraduċi l-kelma 'poultry'. Bl-Ingliż din il-kelma tirreferi għat-tjur li jitrabbew fl-irziezet jew fid-djar għall-produzzjoni tal-bajd u/jew għal-laħam. L-għażla li kelli kienet bejn il-kelma 'tjur' u l-kelma 'pollam'. Iddeċidejt li nagħżel l-ewwel kelma, jiġifieri 'tjur', għax in-nies midħla f'dan il-qasam jużaw din il-kelma u ħadd minnhom ma juża l-kelma 'pollam'. Barra minn hekk ma qgħadtx kull darba nikteb 'tjur li jitrabbew fl-irziezet' meta ġejt biex nittraduċi 'poultry' għaliex ħassejt li fil-kuntest ta' dan il-glossarju li jiġbor fih termini relatati mal-anatomija u l-produzzjoni tat-tjur kienet ovvja li l-kelma 'tjur' qed tirreferi għat-tjur imrobbija fl-irziezet.


Ritratt: Ian Falzon

F'dan il-glossarju ppruvajt nuża kemm jista' jkun kliem Semitiku minflok dak Rumanz fit-traduzzjoni tat-termini. Dan ma kienx dejjem faċli. Din hija kwistjoni ta' preferenza li jien għandi għall-kliem ta' nisel Semitiku u anke għax inħoss li dan il-kliem kien ilu li sar parti mil-lingwa Maltija. Madanakollu, għalkemm ippreferejt il-kliem Semitiku, ma għamiltx dan b'detriment għas-sens tal-kelma u fejn kien hemm bżonn użajt kliem li mhux ta' nisel Semitiku. Diffikultà li ltqajt magħha f'dan ir-

rigward kienet meta ġejt biex nagħti t-traduzzjoni tal-kelma 'animals'. Bħala traduzzjoni stajt użajt il-kelma Semitika 'bhejjem', però għażilt li f'dan il-każ nuża l-kelma Maltija ta' nisel Rumanz 'annimali'. Din il-konklużjoni wasalt għaliha meta rajt li ħafna nies fis-settur tal-agrikoltura jużaw il-kelma 'bhima' għal annimal pjuttost kbir u b'erba' saqajn. Billi fil-każ tiegħi l-kelma Ingliża 'animals' kienet qed tirreferi għat-tjur, użajt il-kelma 'annimali'.

Ma setax jonqos ukoll li, bħal kull traduttur ieħor, niltaqa' ma' kliem li ma għandniex terminoloġija għalih bil-Malti. Hekk pereżempju ġrali meta ġejt biex nittraduċi l-kelma 'snood'. Ekwivalenza bil-Malti għaliha ma sibtx. L-għażla kienet jekk noħloqx terminu bil-Malti għaliha bbażat fuq l-etimoloġija ta' kelma barranija jew nużax il-kelma Ingliża miktuba fonetikament bil-Malti. Rajt li jekk nuża l-kelma Ingliża kien ikun hemm ftit diffikultà minħabba li l-kelma ma kienx ikollha plural li jsegwi r-regoli ta' kliem Malti. Wara li rajt it-tifsira ta' 'snood' b'lingwi differenti, iddeċidejt li niġġenera terminu bil-Malti ('reżilju') fuq dak Franċiż 'résilk' għax rajt li għall-kelma li kont se nissuġġerixxi ma kienx ħa jkun hemm diffikultà meta jkun hemm il-bżonn li jissawwar il-plural tagħha. Dan għaliex il-kelma li qed nissuġġerixxi ssegwi faċilment ir-regoli kif jissawwar il-plural ta' kliem Malti. Inħoss li meta terminu ma jkunx jeżisti bil-Malti, it-tradutturi ma għandhomx jibżgħu joħolqu termini ġodda Maltin ibbażati fuq l-etimoloġija ta' kelma ta' lingwa barranija sakemm dan it-terminu jkun isegwi faċilment ir-regoli ta' kliem Malti. Għalkemm dan il-kliem jieħu ż-żmien biex jiġi aċċettat, fil-fehma tiegħi jkun aħjar milli npiċċaw bi kliem Ingliż miktub bil-Malti li ma jsegwux regoli stabbiliti fil-grammatika Maltija tant li jkollna noħolqu eċċezzjonijiet għalihom.

**Konklużjoni**

Nittama li dan ix-xogħol ikun utli mhux biss għat-tradutturi fix-xogħol tagħhom speċjalment meta jiġu biex jittraduċu materjal li għandu x'jaqsam mas-settur tal-produzzjoni u t-trobbija tat-tjur, imma wkoll għal dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-lingwa Maltija. Xtaqt nuri b'mod konkret li l-lingwa Maltija hija għanja f'terminoloġija teknika u allura m'hemmx il-ħtieġa li nużaw kliem bl-Ingliż. Fejn it-terminoloġija kienet teżisti diġà ġbartha minn sorsi differenti u fejn ma kinitx teżisti tajt is-suġġerimenti tiegħi. Dan il-glossarju għadu mhux ippubblikat imma kien ippreżentat biss lill-Università ta' Malta bħala parti mill-kors tiegħi għall-grad ta' MA fit-Traduzzjoni. Nixtieq li jiġi ppubblikat għax jista' jkun ta' għajnuna għal ħafna. Ix-xewqa tiegħi hi li nkompli naħdem fuq xogħol simili imma f'settur differenti mill-qasam tal-agrikoltura. Diġà hemm ħsieb iberren f'moħħi li sa issa għad ma kellix iċ-ċans li nibda naħdem fuqu. Jalla jirnexxili nwettaq dan il-ħsieb ħalli terminoloġija oħra f'settur differenti tal-agrikoltura tinġabar flimkien, tintuża u allura tinfirex aktar.

**N.B. Il-fehmiet espressi f'dan l-artiklu huma esklussivament tal-awtur u bl-ebda mod ma huma riflessjoni tad-Dipartiment tal-Malti tad-Direttorat tat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. L-artiklu hu intiż għal skop ta' diskussjoni u informazzjoni.**

*Juan Debono huwa lettur mal-MCAST fiċ-Ċentru tal-Agrikoltura, l-Akwatika u x-Xjenza tal-Annimali li jagħmel parti mill-Istitut tax-Xjenza Applikata.*

# MILL-GĦATBA 'L BARRA

*Aspetti oħra*

## L-aġġornament ortografiku fil-lingwi: kapriċċ?

Cheryl Caruana

Huma bosta dawk il-lingwi li minn żmien għal żmien isirilhom aġġornament. Fil-ħarġa li għaddiet ta' *l-aċċent*[1] Stephanie Bugeja spjegat fuq fuq l-aħħar żviluppi fil-lingwa ta' Molière u spjegatilna kif kwalunkwe reżistenza li wieħed jista' jkollu fil-konfront ta' bidliet fil-lingwa miktuba tisfuma fix-xejn meta dak li jkun "jesponi ruħu għal dak li jiġri f'lingwi differenti".

Kollu minnu, u kif tkompli tikteb l-awtriċi, ta' sikwit "id-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom f'lingwa partikulari ma jkunux jitbiegħdu ħafna minn dawk preżenti f'lingwi oħrajn". Meta nsiru nafu x'inhu għaddej fil-lingwi tal-ġirien, nifhmu aktar dak li qiegħed jiġri fil-lingwa li nħaddnu f'darna, u forsi naslu biex naċċettawh b'aktar faċilità. Ma mmorrux wisq 'il bogħod. Dan spiss jiġri lilna t-tradutturi meta jkollna xi dokument diffiċli x'nittraduċu: jekk sħabna t-tradutturi barranin jgħidulna li d-dokument li qed ikidd lilna hu għadma iebsa għalihom ukoll, bħal donnu nserrħu rasna li m'aħniex weħidna. Meta xi snin ilu kont interpretu, ġieli kien ikollna ninterpretaw diskorsi li kien ikun fihom x'tomgħod. Ħarsa ta' solidarjetà bejnietna, minn kabina għall-oħra, kienet tkun biżżejjed biex inqawwu qalb xulxin meta ffaċċjati bl-iebes.

**Il-Malti mhuwiex waħdu**

Lil hinn mill-ambjent tax-xogħol, aħna u nirkbu l-mewġ tal-ħajja ta' kuljum, ilkoll jagħtina wens li nkunu nafu li m'aħniex weħidna, li bħalna hemm oħrajn li jinsabu f'dgħajsa bħal tagħna, jaqdfu fl-istess baħar magħna. Il-lingwi ħajjin għandhom mid-dgħajjes li jbaħħru fl-istess ilmijiet, dawk taż-żminijiet moderni tal-lum. Biex inkun aktar preċiża, il-lingwi qishom bħas-sottomarin Nawtilus frott l-immaġinazzjoni ta' Jules Verne fi '*20,000 Leagues Under the Sea*'. Il-motto tan-Nawtilus kien "*Mobilis in Mobili*" li tradott mil-Latin ifisser "jiċċaqlaq f'dak li jiċċaqlaq", appuntu għaliex il-bastiment ta' taħt il-baħar kien maħluq biex jiċċaqlaq mal-kurrent tal-element mobbli li huwa l-baħar.

Bħan-Nawtilus, kull lingwa ħajja hija ddeterminata u kkundizzjonata mill-element li fih taġixxi, appuntu dak taż-żmiem li fih tkun qiegħda tintuża. Qed ngħixu f'dinja li kulma jmur qiegħda dejjem tinbidel, bi kliem mill-Ingliż fuq l-għatba tal-bieb li kultant iħabbat tnejn il-ħabbata u jistenna bl-akbar sabar li dak il-bieb jinfetaħlu beraħ. Jekk min-naħa tagħna nibqgħu nwebbsu rasna u dik iċ-ċavetta fis-sokra ma ndawruhiex, il-kliem mill-Ingliż mhux se jaħsibha darbtejn biex juża l-forza

[1] Il-ħarġa nru 15: http://ec.europa.eu/translation/maltese/magazine/documents/laccent_15_mt.pdf, p. 35.




biex jidħol, imqar mit-tieqa. Kull lingwa ħajja, bis-sewwa jew bid-dnewwa, jeħtiġilha tgħaddi minn proċess ta' aġġornament maż-żminijiet tal-lum. Bl-istess mod, bastiment bħan-Nawtilus, minn żmien għal żmien, jeħtieġ li jsirulu xi "aġġustamenti". Jekk għal xi raġuni ma jsirulux fiż-żmien opportun, jeżisti s-sogru kbir li l-mezz li jrid jaqdina ma jibqax jiffunzjona kif suppost u jegħreq.

Sabiex ma tistaġnax u tadatta għaż-żminijiet, kull lingwa ħajja teħtieġ il-"Kaptan Nemo" tagħha li jiggwidaha fi proċess ta' aġġornament strutturat, spjegat sew u mqassam tul perjodu ta' żmien stipulat. Ħidma ta' din ix-xorta qiegħda ssir bħalissa f'pajjiżna bid-Deċiżjonijiet 2 li qegħdin jissawru mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

**Il-każ tal-Portugiż**

Bħalma spjegajt aktar 'il fuq, ma nixtieqx nillimita ruħi għall-erba' ħitan ta' pajjiżna. Se nimraħ daqsxejn aktar 'il bogħod, sewwa sew lejn il-Portugall, imma wkoll lejn il-Brażil. Biex nasal jeħtieġli l-ewwel ngħaddi minn bejn l-istrett ta' Ġibiltà u l-famużi kolonni ta' Erkole li, bl-iskrizzjoni mnaqqxa fuqhom "*non plus ultra*" (timraħx aktar lil hinn), jaf jerġa' jibdieli u naqa' fin-nassa tar-reżistenza, tal-istaġnar, tal-biża' mill-bidla... Iżda le, bħal baħri mhux biss tal-bnazzi, se nisma' minflok mit-tqanqila ta' Ulisse lill-baħħara li kienu jinsabu miegħu bejn sema u ilma f'dak l-istrett bejn Sevilla u Ceuta, dejjem skont dak li jgħidilna Dante Alighieri fil-Canto XXVI tad-Divina Commedia:

> Qisu daqsxejn in-nisel tagħkom sewwa:
> le, ma sirtux biex tgħixu bħala bhejjem,
> iżda biex timxu wara l-għerf u s-sewwa.

(il-versi 118-120 mit-traduzzjoni ta' Erin Serracino Inglott).

Fil-paragrafi li ġejjin, se nagħti ħarsa lejn il-proċess li għaddiet minnu l-lingwa ta' Camões tul dawn l-aħħar snin. Nixtieq nagħti r-raġunijiet għaliex sar dan il-proċess, kif ukoll xi eżempji tat-tibdiliet ewlenin li ddaħħlu fil-Portugiż permezz tal-Ftehim il-ġdid dwar l-ortografija tal-1990.

Skont stimi reċenti, il-lingwa Portugiża hija mitkellma minn aktar minn 240 miljun ruħ. Hija t-tielet lingwa Ewropea l-aktar mitkellma fid-dinja, wara l-Ingliż u l-Ispanjol, u hija s-sitt lingwa fost il-lingwi l-aktar mitkellma globalment.

L-għan ewlieni wara l-Ftehim il-ġdid dwar l-ortografija tal-Lingwa Portugiża kien li jippromwovi l-unifikazzjoni tal-ortografija tal-Portugiż bejn it-tmien pajjiżi li għandhom il-Portugiż bħala l-ilsien uffiċjali tagħhom, jiġifieri l-Portugall, il-Brażil, l-Angola, Cape Verde, il-Guinea-Bissau, il-Mozambique, São Tomé u Principe u Timor-Leste. L-ebda riforma tal-ortografija ma tkun waħda faċli anki meta tkun tinvolvi biss pajjiż wieħed, aħseb u ara meta jkun hemm tmien pajjiżi li jridu jaqblu dwar ortografija waħda komuni. Għaldaqstant, m'għandniex xi ngħidu, ir-riforma tal-ortografija tal-Portugiż ma seħħitx mil-lum għal għada. Il-Ftehim, frott ħidma fit-tul bejn l-*Academia Brasileira de Letras* u l-*Academia de Ciências de Lisboa* ma daħalx fis-seħħ qabel l-2009.

Minkejja li l-għadd ta' kliem li ġarrab tibdil radikali fl-ortografija tiegħu kien jammonta biss għal madwar 2% tal-vokabularju kollu tal-Portugiż, il-konsegwenzi u l-implikazzjonijiet li dan il-proġett kellu fuq il-ħajja ta' kuljum tan-nies kienu ferm akbar minn hekk. Ir-reżistenza fost dawk kollha li jitkellmu l-Portugiż kienet tassew kbira. Dan minħabba l-impatt li din ir-riforma kellha fuq il-komunikazzjoni globali, id-dokumenti legali u l-prattiki ġuridiċi, kif ukoll fuq in-negozju. Anki jekk din ir-riforma kellha l-għan nobbli li fuq medda twila ta' żmien tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-pajjiżi li għandhom il-Portugiż bħala l-lingwa uffiċjali tagħhom, fuq medda iqsar ta' żmien il-loġistika kkumplikata ta' aġġornament ta' lingwa uffiċjali kienet tirrikjedi perjodu ta' tranżizzjoni għall-implimentazzjoni. Fil-fatt, il-Portugall u l-Brażil kellhom perjodu ta' tranżizzjoni ta' sitt snin biex jadottaw it-tibdil kollu li sar fil-Ftehim. Sal-2015 setgħu jintużaw iż-żewġ ortografiji, jiġifieri dik biex ngħidulha hekk ta' "**qabel ir-riforma ortografika**" u dik "**skont ir-riforma ortografika**".




Matul dan il-perjodu, mhux kollox kien ward u żahar. Feġġew diversi polemiki u diskrepanzi li affettwaw fost l-oħrajn lis-settur tal-edukazzjoni, fosthom l-għalliema u t-tfal tal-iskola, kif ukoll lit-tradutturi. Mill-bidu tal-2011, it-tfal tal-iskola bdew jiġu mgħallma l-ortografija l-ġdida tal-Portugiż iżda l-kotba u l-gazzetti kien għadhom qed jiġu ppubblikati bl-ortografija l-qadima. Din ir-riforma kellha impatt dirett fuq aktar minn 320 miljun ktieb bil-Portugiż. Barra minn hekk, bejn l-2009 u l-2012, it-tradutturi Portugiżi, pereżempju, kellhom l-għażla li jagħmlu l-eżamijiet tagħhom bl-ortografija l-ġdida jew dik qadima. Wara l-2012, fl-eżamijiet kollha bdiet tintuża l-ortografija l-ġdida biss. Il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' sitt snin ġie fi tmiemu fl-2015 u minn dakinhar 'il quddiem il-Ftehim sar obbligatorju.

Qabel ma ngħaddi biex nagħti xi eżempji tat-tibdil li ġabet magħha l-ortografija l-ġdida tal-Portugiż, ta' min wieħed jispeċifika li r-

riforma tal-ortografija ma bidlitx il-lingwa Portugiża bl-istess mod fil-pajjiżi kollha li semmejt aktar 'il fuq. Fil-Brażil, pereżempju, intlaqat minn tibdil daqs 0.5% tal-kliem, li jammonta għal madwar 2,000 kelma. Min-naħa l-oħra, fil-Portugall l-impatt kien ferm akbar għaliex inbidlu madwar 10,000 lessema, jiġifieri daqs 1.5% tal-kliem kollu fil-Portugiż. Fil-fatt kienu bosta dawk li laqqmu din ir-riforma bħala waħda li qarrbet aktar il-Portugiż Ewropew lejn il-Portugiż tal-Brażil jew fi kliem ieħor "ir-rebħa tat-teledrammi Brażiljani", li tant huma popolari fil-Portugall. Dan għaliex bosta mill-modifiki introdotti fil-Portugiż permezz tal-Ftehim il-ġdid dwar l-ortografija huma msejsa fuq il-kriterju fonetiku, jiġifieri li jinkiteb biss skont kif jitlissen, u li dak li ma jitlissinx ma jinkitibx. Regola ortografika ta' din ix-xorta ilha sew stabbilita fil-Portugiż tal-Brażil.

**<u>Il-konsonanti li ma jitlissnux, ma jinkitbux</u>**

| **Qabel ir-Riforma Ortografika** | **Skont ir-Riforma Ortografika** |
|---|---|
| acção | ação |
| coleccionador | colecionador |
| optimismo / Egipto | otimismo / Egito |
| actual | atual |

Kif tixhed it-tabella ta' hawn fuq, meta l-ittri *c* u *p* ikunu jinsabu qabel l-ittri *ç*, *c* jew *t*, dawn jinkitbu skont kif jitlissnu. Jekk dawn il-konsonanti ma jitleħħnux fl-ebda pronunzja li teżisti tal-kelma, dawn ma jinkitbux.

Madankollu, meta l-ittra titleħħen bħala konsonanti separata, din tibqa' tinkiteb anki jekk tkun tippreċedi waħda mill-ittri *ç*, *c* jew *t*: il-kelma *pacto* tibqa' tinkiteb hekk u mhux **pato* għaliex l-ittra *c* titleħħen meta titlissen. L-istess jgħodd għal kliem bħal *ficção*, *rapto*, *núpcias*, *bactéria*, eċċ.

Fi qbil ma' din ir-regola ortografika, il-Ftehim il-ġdid introduċa wkoll il-possibbiltà ta' **varjanti**:

| **Skont ir-Riforma Ortografika** |
|---|
| carā**ct**er/carā**t**er |
| dete**ct**ar/dete**t**ar |
| infe**cc**ioso/infe**c**ioso |

Iż-żewġ varjanti fl-eżempji indikati hawn fuq huma aċċettati t-tnejn li huma. Wieħed jista' jagħżel li jikteb jew li ma jiktibx il-konsonanti *c*. Din l-għażla għandha tirrifletti l-aktar pronunzja dominanti tal-kelma fil-pajjiż jew fiż-żona ġeografika, ngħidu aħna fil-Brażil *detectar* titlissen bil-konsonanti *c* imleħħna u b'hekk din tinkiteb, filwaqt li fil-Portugall jintuża l-varjant *detetar*.

Peress li, kif spjegajt aktar 'il fuq, il-Ftehim il-ġdid dwar l-ortografija jagħti prijorità lill-kriterju fonetiku fuq dak etimoloġiku, meta jfeġġ dubju dwar il-pronunzja korretta ta' kelma partikolari, wieħed għandu dejjem jimxi mar-regola ġenerali li tgħid li l-pronunzja l-korretta hija dik tat-traskrizzjoni fonetika li tkun tinsab biswit il-kelma fid-dizzjunarji tal-lingwa Portugiża.

**Jitwessa' l-alfabett Portugiż**

| Qabel ir-Riforma Ortografika | Skont ir-Riforma Ortografika |
|---|---|
| a, b, c, d, e, f, g, h, i, j, l, m, n, o, p, q, r, s, t, u, v, x, z | a, b, c, d, e, f, g, h, i, j, **k**, l, m, n, o, p, q, r, s, t, u, v, **w**, x, **y**, z |

Permezz tal-Ftehim il-ġdid, l-ittri *k*, *w* u *y* saru uffiċjalment parti mill-alfabett Portugiż. B'hekk l-alfabett Portugiż żdied minn 23 għal 26 ittra. L-ittri *k*, *w* u *y* diġà kienu jintużaw fil-Portugiż qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid, ngħidu aħna fl-abbrevjazzjonijiet u akronimi (*KLM*, *WWW*, eċċ.) jew fis-simboli ta' kejl (*km*, *kg*, eċċ.) kif ukoll f'aġġettivi jew nomi mnissla minn ismijiet proprji jew kliem barrani bħal perezempju *kantiano* u *windsurfista*.




Bis-saħħa tal-Ftehim il-ġdid inqatgħet darba għal dejjem ukoll il-**kwistjoni tat-toponimi, b'mod partikolari l-ismijiet tal-ibliet**. Qabel il-Ftehim, b'mod partikolari fil-Brażil, l-ismijiet tal-ibliet kienu jinkitbu kemm bl-ortografija tal-lingwa oriġinali tagħhom kif ukoll bl-ortografija tal-Portugiż. Ġie deċiż li jintuża dejjem il-varjant tradizzjonali Portugiż f'toponimi fejn dan diġà jeżisti. Fil-każijiet li fihom dan ma jeżistix, tinżamm l-ortografija oriġinali, perezempju Washington, Buenos Aires, eċċ.

**Isem wieħed, ortografija waħda**[2]

| Qabel ir-Riforma Ortografika | Skont ir-Riforma Ortografika |
|---|---|
| Anvers/Antuérpia | Antuérpia |
| Genève/Genebra | Genebra |
| Milano/Milão | Milão |
| Quebec/Quebeque | Quebeque |
| Shangai/Xangai | Xangai |

**L-ittra l-kbira tittiekel mill-ittra ż-żgħira**

| Qabel ir-Riforma Ortografika | Skont ir-Riforma Ortografika |
|---|---|
| Janeiro | janeiro |
| Primavera | primavera |
| Norte | norte |

It-tabella ta' hawn fuq tixħet dawl fuq kif il-kliem li qabel kien jinkiteb b'ittra kapitali issa sar jinkiteb b'ittra żgħira. Dan il-kliem jinqasam fi tliet gruppi ewlenin: l-ismijiet tax-xhur tas-sena, tal-istaġuni u tad-direzzjonijiet tal-warda tar-rjieħ.

[2] http://voc.cplp.org/index.php?action=toponyms.

## L-aċċent – għajn ma tara, qalb ma tuġa'?

| Qabel ir-Riforma Ortografika | Skont ir-Riforma Ortografika |
|---|---|
| pára (mill-verb *parar*) | para (mill-verb *parar*) = para (prepożizzjoni) |
| pêlo (nom); pélo (mill-verb *pelar*) | pelo (nom) = pelo (mill-verb *pelar*) = pelo (prepożizzjoni artikolata *por+o*) |
| péla (mill-verb *pelar*) | pela (mill-verb *pelar*) = pela (prepożizzjoni artikolata *por+o*) |
| pólo (Pólo Norte/Pólo Sul) | polo (polo norte/polo sul) = polo (l-isport) |

L-implimentazzjoni tal-Ftehim il-ġdid fil-Portugiż fissret l-għibien għalkollox tal-aċċent differenzjali, bir-riżultat li issa fil-Portugiż ma hemm l-ebda differenza grafika bejn pereżempju *pelo* (in-nom) u *pelo* (il-prepożizzjoni artikolata) fi frażijiet bħal "*É preciso escovar o pelo pelo menos uma vez por dia.*"

Din il-modifika niżlet għasel ma', ngħidu aħna, l-istudenti tal-lingwa Portugiża li issa m'għandhomx għalfejn jibqgħu iħabblu rashom li jiftakru fejn iqiegħdu l-aċċent, iżda fl-istess waqt kienet sors ta' kontroversja kbira fost dawk li kienu mdorrijin jiddistingwu bejn dan il-kliem omografu billi jużaw l-aċċent grafiku. M'għadx hemm lanqas differenza bejn l-ortografija ta' *polo* fil-frażi "*Ele foi ao polo norte*" u "*Ele gosta de jogar polo*".

Għosfor ukoll l-aċċent ċirkumfless (*acento circunflexo*) mill-verbi li fl-infinittiv jispiċċaw b'-*er* bħal *ler*, *crer* u *ver/prever* fl-imperfett, ikkonjugati fit-tielet persuna plural, kif ukoll min-nom maskil *voo*.

| Qabel ir-Riforma Ortografika | Skont ir-Riforma Ortografika |
|---|---|
| Eles, elas lêem | Eles, elas leem |
| Eles, elas crêem | Eles, elas creem |
| Eles, elas prevêem | Eles, elas preveem |
| vôo | voo |

## Eċċezzjoni għar-regola

| Qabel ir-Riforma Ortografika | Skont ir-Riforma Ortografika |
|---|---|
| pôr (il-verb fl-indikattiv) | pôr |
| Ele, ela pôde (it-3et pers. sing. tal-verb *poder* fil-Passat) | Ele, ela pôde |
| Eles, elas têm (it-3et pers. plural tal-verb *ter* fil-Preżent) | Eles, elas têm |
| Eles, elas vêm (it-3et pers. plural tal-verb *vir* fil-Preżent) | Eles, elas vêm |

Fl-ewwel eżempju ta' hawn fuq jinżamm l-aċċent ċirkumfless biex jiddistingwi bejn *pôr* (il-verb fl-indikattiv) u *por* (il-prepożizzjoni). Fit-tieni eżempju, *pôde*, it-tielet persuna singular tal-verb *poder* fil-perfett tibqa' tinkiteb bl-aċċent ċirkumfless biex fil-grafija tinżamm id-differenza bejn *pôde* u *pode* (it-tielet persuna singular tal-verb *poder* fl-imperfett). L-aħħar żewġ eżempji jirreferu għat-tielet persuna plural tal-verbi *ter* u *vir* fl-imperfett. Dawn jibqgħu jinkitbu bl-aċċent ċirkumfless li jindika d-differenza fl-ortografija tat-tielet persuna plural fl-imperfett – *eles/elas têm* u *eles/elas vêm* u dik tat-tielet persuna singular fl-imperfett *ele/ela tem* u *ele/ela vem*.

Skont ir-regoli l-ġodda, sparixxa wkoll l-aċċent grafiku mill-kliem b'aċċent li jaqa' fuq is-sillaba ta' qabel tal-aħħar bid-dittong *oi* f'pożizzjoni tonika. Dawn huma xi eżempji:

| Qabel ir-Riforma Ortografika | Skont ir-Riforma Ortografika |
|---|---|
| jibóia | jiboia |
| asteróide | asteroide |
| jóia | joia |
| paranóico | paranoico |
| heróico | heroico |

Fil-Brażil, din ir-regola tapplika wkoll għall-kliem b'dittong *ei* f'pożizzjoni tonika li fil-Brażil kien jinkiteb bl-aċċent u issa beda jinkiteb mingħajru bħal fil-bqija tal-pajjiżi l-oħra li għandhom il-Portugiż bħala l-ilsien uffiċjali tagħhom.

| Qabel ir-Riforma Ortografika | Skont ir-Riforma Ortografika |
|---|---|
| assembléia (Br.) | assembleia |
| idéia (Br.) | ideia |
| nucléico (Br.) | nucleico |

**<u>Sing ġej u ieħor sejjer – prefiss+kelma</u>**

Fir-riforma ortografika tal-Portugiż iddaħħlet id-distinzjoni fl-użu tas-sing bejn kliem magħmul minn prefiss+kelma. Iż-żewġ elementi jinfirdu permezz tas-sing jekk iż-żewġ elementi jkunu t-tnejn jispiċċaw u jibdew bl-istess vokali jew konsonanti. Min-naħa l-oħra, jekk ikunu jispiċċaw u jibdew b'ittri differenti, is-sing jaqa' u dawn l-elementi jitwaħħdu. Madankollu, jekk it-tieni element ikun jibda bl-*h*, **is-sing jinżamm dejjem** anki jekk il-prefiss ikun jispiċċa b'ittra differenti.

| Qabel ir-Riforma Ortografika | Skont ir-Riforma Ortografika |
|---|---|
| microondas | micro-ondas |
| auto-estrada/agro-industrial | autoestrada/agroindustrial |
| co-autor | coautor |
| super-homem | super-homem |

Meta l-prefiss ikun jispiċċa b'vokali u l-element segwenti jkun jibda bil-konsonanti *r* jew *s*, iż-żewġ elementi jitwaħħdu u l-konsonanti tirdoppja.

| Qabel ir-Riforma Ortografika | Skont ir-Riforma Ortografika |
|---|---|
| auto-rádio | autorrádio |
| auto-serviço | autosserviço |
| anti-religioso | antirreligioso |
| ultra-secreto | ultrassecreto |

Iżda **jibqa' jinżamm is-sing** meta l-prefiss ikun *sub* jew *sob*, u l-kelma segwenti tkun tibda bil-konsonanti *r*, pereżempju:

| Qabel ir-Riforma Ortografika | Skont ir-Riforma Ortografika |
|---|---|
| sub-região | sub-região |
| sob-rota | sob-rota |




**Sing ġej u ieħor sejjer – kliem kompost**

F'espressjonijiet magħmula minn kliem kompost li bejnu teżisti rabta, is-sing m'għadux jinkiteb aktar. Dan ifisser li:

| Qabel ir-Riforma Ortografika | Skont ir-Riforma Ortografika |
|---|---|
| fim-de-semana | fim de semana |
| pé-de-atleta | pé de atleta |
| camisa-de-força | camisa de força |
| dia-a-dia | dia a dia |
| água-de-lume (Cape Verde) | água de lume |

**Xi eċċezzjonijiet:**

| Qabel ir-Riforma Ortografika | Skont ir-Riforma Ortografika |
|---|---|
| áqua-de-colonia | áqua-de-colonia |
| mais-que-perfeito | mais-que-perfeito |
| cor-de-rosa | cor-de-rosa |

Is-sing huwa fost wieħed mill-aktar elementi ortografiċi fil-Portugiż li ntlaqat minn tibdiliet f'din ir-riforma ortografika, liema tibdiliet qajmu għagħa kbir. Ir-regoli u t-tibdil kollu indikati hawn fuq, naturalment mhumiex eżawrjenti. Għal aktar eżempji u biex wieħed jidħol aktar fil-kif ta' din ir-riforma ortografika, is-sors ewlieni għandu jkun il-Ftehim dwar l-Ortografija tal-Lingwa Portugiża tal-1990 disponibbli fil-portal onlajn tal-lingwa Portugiża.[3] Fil-websajt tal-Vokabularju Ortografiku Komuni tal-Lingwa Portugiża[4] wieħed isib aktar tagħrif dwar l-effetti tal-implimentazzjoni tal-Ftehim fuq l-ortografija ta' kull wieħed mill-pajjiżi tal-*Comunidade dos Países de Língua Portuguesa* (CPLP).

**Il-Malti (u sħabu) fil-mera**

L-iskop ta' dan l-artiklu kien li jagħti ħarsa ġenerali ssimplifikata lejn il-modifiki ewlenin introdotti mir-Riforma Ortografika tal-Portugiż. Jien tal-fehma li bħalma din il-lingwa u tant oħrajn kellhom jaġġornaw ruħhom, il-Malti m'għandu xejn inqas. Ippruvajt niddeskrivi l-għamla l-aktar reċenti tal-lingwa Portugiża mal-ewwel daqqa t'għajn meta nħarsu lejn ix-xbieha mibdula tagħha fil-mera taż-żminijiet. Il-Prof. Manwel Mifsud fil-Forum tal-Qarrejja tal-Provi (grupp magħluq fil-Google Groups) ixebbah dizzjunarju jew grammatika ma' ritratt. Ir-ritratt huwa stampa tiegħek, imma stampa li ma tinbidilx. Il-mera, imma, differenti: tħobbha jew tobgħodha, ma tidħakx bik. Turik dik ix-xagħra bajda li tkun ħarġitlek u ma tostorx it-tikmixa li qabel ma kinitx hemm.

[3] http://www.portaldalinguaportuguesa.org/acordo?action=acordo&version=1990.
[4] http://voc.cplp.org.

Sabiħa wisq din il-metafora ta' Mifsud: min jibqa' mqabbad mar-ritratt ta' tfulitu, imqar jekk mal-isbaħ wieħed, ikun qed iqarraq bih innifsu. L-istess jgħodd għal-lingwi. Riforma jew aġġornament ta' lingwa, bħal ngħidu aħna d-Deċiżjonijiet 1 u 2 tal-Malti jew il-Ftehim ortografiku l-ġdid tal-Portugiż,




jirriflettu l-aktar xbieha reċenti tal-lingwa fil-mera taż-żminijiet. Għaldaqstant bħalma wieħed, irid jew ma jridx, ikollu jaċċetta l-immaġni mibdula tiegħu fil-mera, l-istess jeħtieġ li jaċċetta u jimplimenta dawk ir-regoli ortografiċi ġodda li jfeġġu tul iż-żminijiet u li jżidu xi sing ġdid fil-lingwi mimlija ħajja tagħna, jew għaliex le, ineħħulhom xi aċċent qadim li żmienu jkun għamlu.

Lil min ma jaċċettax din il-bidla, x'aktarx għax laħaq rabat wisq qalbu ma' dak ir-ritratt qadim ta' tfulitu (anki jekk maħkum mit-trab), ngħidlu li mhuwiex waħdu. Il-kittieb Portugiż José Saramago, f'mument forsi daqsxejn nostalġiku ta' *saudade* a la Portugiża, f'intervista dwar ir-riforma ortografika li dehret fil-gazzetta *Público*[5] ftit taż-żmien qabel mewtu, stqarr dan li ġej: "**Jiena se nkompli nikteb bħalma dejjem ktibt, imbagħad inħalli f'idejn il-qarrejja tal-provi biex jieħdu ħsieb il-problema**."

*Cheryl Caruana hi traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea.*

[5] http://www.josesaramago.org/entrevista-de-jose-saramago-ao-jornal-publico-e-a-radio-renascenca/.

# Analoġija bejn kliem Franċiż u kliem Malti missellef mill-Ingliż

Paul Zahra

L-Ingliż fil-Malti theddida ontoloġika jew progress pragmatiku? Kliem bl-Ingliż li dieħel fil-Malti għandu jibqa' jitqies bħala kliem Ingliż jew bħala Malti? Kif se jinkiteb? Għandna nwarrbuh? Għandna nħalluh? Kemm huma fundamentali l-konsistenza u l-koerenza fl-adozzjoni tal-kliem missellef? Meta se niddeċiedu u kif se tkun id-deċiżjoni? Mistoqsijiet kemm trid; tweġibiet ukoll. Ninsabu f'dinja globalizzata u dawn il-mistoqsijiet m'aħniex qed nagħmluhom weħidna. Lingwi oħrajn għaddejjin mill-istess proċess u fosthom insibu wkoll il-Franċiż li, sa ftit taż-żmien ilu, fil-livell internazzjonali – tal-anqas dak diplomatiku – kien jokkupa pożizzjoni simili għal dik li llum jinsab fiha l-Ingliż. Mela x'qed jiġri eżattament f'dan ir-rigward fil-lingwa ta' Molière?

F'*Paris Match Belgique*,[1] artiklu ppubblikat f'Awwissu 2016 li ma fihx aktar minn 500 kelma u li jittratta prodott tal-*make-up* miktub mill-ġurnalista Belen Ucros, osservajt u analizzajt dan il-kliem missellef ta' nisel Ingliż:[2]

- On l'applique comme un ***eyeliner***, à la base des cils, de préférence le matin.
- Fabrice Condemi, ***make-up artist*** des ***stars*** et des ***people***, vient de lancer une ligne de soins rien que pour eux.
- Par ailleurs, j'ai aussi suivi une formation pour enlever au ***laser*** ce qui était mal fait.
- Des ***jetsetteuses*** exigeantes issues du monde de la mode et du ***show-biz***.
- Un jour, une des ses clientes ***new-yorkaises*** débarque au salon avec de super longs cils.
- Patrice est ***bluffé*** par les résultats.
- Les femmes en sont ***fans***, mais les hommes aussi.
- Vogue lui fait l'honneur d'une ***interview*** de trois pages.
- Une solution naturelle pour rajeunir le regard, mais aussi ***booster*** la croissance des cils des personnes qui ont subi une chimio.




*Le make up*: Artiklu f'rivista Franċiża miżgħuda bi kliem ta' nisel Ingliż.

[1] *Paris Match Belgique*, (777) p. 90.
[2] Il-korsiv u l-grass użati minni.

Jekk inħarsu lejn **Tabella 1** ninnotaw li minn madwar 500 kelma sibt biss 11-il kelma u frażi nominali waħda missellfa mill-Ingliż jew mill-Amerikan. Dan in-numru ma naħsibx li hu ta' theddida. Mill-11-il kelma li jidhru f'**Tabella 1**, 8 huma nomi, 2 huma verbi, u waħda hi aġġettiv. Il-frażi nominali tikkonsisti f'nom b'użu aġġettivali u f'nom. Dan ir-riżultat sintendi juri li l-aktar predominanti huma n-nomi.

**Tabella 1**

| **Nomi** | **Verbi** | **Aġġettivi** | **Frażijiet Nominali** |
|---|---|---|---|
| *eyeliner* | *bluffer > bluffé (pp)* | *new-yorkaises* | *make-up artist* |
| *fans* | *booster* | | |
| *interview* | | | |
| *jetsetteuses* | | | |
| *laser* | | | |
| *people* | | | |
| *show-biz* | | | |
| *stars* | | | |

Ta' min josserva li hawnhekk ma għandniex quddiemna test tradott iżda test miktub bil-Franċiż innifsu, bi stil ġurnalistiku, li l-iskop tiegħu hu li jagħti pubbliċità lill-*eyeliner* li qed titħaddet dwaru Ucros. U billi l-artiklu hu wieħed pubbliċitarju kien ikun irrazzjonali min-naħa tagħha li tuża lessiku li ma jifhmu ħadd. Bħalma jgħid Richard Toye: "The advertising industry is the ultimate persuasion business."[3] Mela, *a priori*, wieħed jifhem li Ucros taf li l-lessiku missellef mill-Ingliż hu wieħed li jintuża frekwentement mill-qarrejja u ma jxekkilx il-komunikazzjoni miktuba meħtieġa għar-riklamar tal-prodott għall-bejgħ.

[3] Richard Toye, *Rhetoric: A Very Short Introduction*, OUP, 2013, p. 100.




F'**Tabella 2** fil-paġna li jmiss qed nuri dettalji li sibt (i) fil-*Petit Robert 1* (l-edizzjoni tal-1977) u (ii) fil-websajt eżistenti http://dictionary.reverso.net/french-synonyms li qed inqisu attwali. Bejnu u bejn l-edizzjoni tal-*Petit Robert 1* hemm differenza ta' 40 sena. Fil-*Petit Robert 1* insibu d-data reġistrata li fiha jkun daħal il-kliem – dettall importanti għax jagħtina idea bejn wieħed u ieħor meta dawn in-neoloġiżmi bdew jidhru fil-kitba. Interessanti ninnotaw pereżempju li n-nom maskil 'bluff' daħal fil-Franċiż fl-1840 u li dan kiseb xift funzjonali fl-1884 meta skont il-*Petit Robert 1* beda jintuża b'mod verbali. Jekk nimxu fuq dan l-eżempju nindunaw li n-nom 'booster' li daħal fl-1962 qed isegwi l-istess proċess ta' 'bluff' billi Ucros qed tużah bħala verb fl-2016 filwaqt li d-dizzjunarji, kemm stampati kif ukoll elettroniċi, ma jagħtuhx din il-funzjoni. In-nomi jinkitbu l-istess bħall-Ingliż, il-verbi jżommu l-għerq u jużaw l-inflezzjonijiet Franċiżi, l-aġġettiv 'new-yorkaises' u n-nom 'jetsetteuse' (it-tnejn li huma ibridi) jużaw rispettivament il-morfemi Franċiżi /*aises*/ u /*euses*/ man-nomi Anglo-Sassoni 'New York' u 'jet-setter' filwaqt li ż-żewġ nomi tal-frażi nominali huma miktubin bħall-Ingliż.

**Tabella 2**[4]

| Lessema | Traskrizzjoni Fonetika[5] | Ġens | Oriġini | Data Reġistrata | Sinonimi http://dictionary.reverso.net/french-synonyms |
|---|---|---|---|---|---|
| *bluffer > bluffé (pp) bluff* | *[blœfe] [blœf]* | mhux applikabbli | mill-Amerikan | 1884 1840 | *épater, intimider, frimer, esbroufer, abuser, tromper, leurrer, hâbler, se vanter; chercher à faire croire, à donner le change, feindre avec assurance* |
| *booster* | *[bustœʀ]* | mhux applikabbli | mill-Amerikan | 1962 | – |
| *eyeliner* | *[ajlajnœʀ]* | maskil | mill-Ingliż | 1962 | khôl |
| *fan* | *[fan]* | maskil | mill-Ingliż | 1958 | – |
| *interview* | *[ɛ̃tɛʀvju]* | femminil | mill-Ingliż | 1883 | *reportage, entretien, entrevue, tête à tête* |
| *jetsetteuses* | *[ʒɛtsɛtœz]* | femminil | – | – | – |
| *laser* | *[lazɛʀ]* | maskil | mill-Ingliż | 1960 | – |
| *make-up artist* | *[mɛjkapartist]* | maskil | – | – | *fard, maquillage, barbouillage* (b'referenza għall-*make-up* biss) |
| *new-yorkais(e)* | *[njujorkɛ(z)]* | maskil/ femminil | – | – | – |
| *people*[6] | *[pipil]* | – | – | – | – |
| *show-biz* | *[ʃobiz]* | maskil | mill-Ingliż Amerikan | 1955 | *spectacle, panorama, variété, divertissement, cinématographe, tableau* |
| *star* | *[staʀ]* | femminil | mill-Ingliż | 1844 | *actrice, acteur, comédien, artiste, comédienne, interprète, figurant, comique, starlette, diva, histrion, honneurs de la première page, monstre de scène, monstre sacré, vedette de cinéma* |

Dawn il-ftit neoloġiżmi mill-Ingliż, użati minn Ucros, mas-snin ħolqu (jew qed joħolqu) aktar sinonimi ma' dawk li jidhru fl-aħħar kolonna ta' **Tabella 2**. Għalhekk ir-riflessjoni li wieħed jasal għaliha hi li l-pubbliku Franċiż assorba dan il-lessiku Ingliż u llum jikkunsidrah bħala parti integrali mid-diskors ta' kuljum. Dan li qed naraw f'**Tabella 2** imur kontra l-perċezzjoni żbaljata ta' bosta minna li l-Franċiżi jagħmlu minn kollox biex jevitaw kliem mill-Ingliż.

[4] Tagħrif misjub fl-edizzjoni tal-1977 tal-*Petit Robert 1*.

[5] Fil-każ tal-kliem Franċiż missellef mill-Ingliż li jinsab f'dawn is-sentenzi qed nipprovdi t-traskrizzjoni fonetika biex wieħed jieħu idea ta' kif dawn bejn wieħed u ieħor jinkitbu kieku kellha tiġi segwita n-nozzjoni li l-kliem għandu jinkiteb fonetikament. Għal raġunijiet ta' spazju f'dan l-artiklu ma nistax nelabora dwar l-ortografija.

[6] Il-kelma *people* għandha użu limitat ħafna u tirriferi għal persuni ċelebri.




Għalhekk, mil-lat pedagoġiku, biex barrani jitgħallem il-Franċiż mhux biss jeħtieġlu jimmemorizza l-lessiku tradizzjonalment meqjus bħala Franċiż iżda wkoll li jkun jaf liema hu l-korpus ta' kliem missellef mill-Ingliż użat mill-Franċiżi. Jekk jien li naf il-Franċiż inkun Franza iżda ma nafx li 'eyeliner' hi kelma li daħlet fil-Franċiż, jekk inkun irrid nixtri dan il-prodott kif se naqbad infisser lil tal-ħanut? Biex nikkommunika jeħtieġli nkun naf li fil-Franċiż il-kelma saret tagħmel parti mil-lingwaġġ ta' kuljum, saret – bħalma jgħid Chomsky – parti mill-*compétence* tal-Franċiżi nattivi li jeħtiġilha ssir parti mill-*performance* tal-kelliema barranin. B'analoġija ta' dan, fil-Malti jekk bħala traduttur jien u nittraduċi test mill-Ingliż inħalli 'roundabout' kif inhi dan ma jfissirx li ma traduċejthiex. Xejn affattu. Ifisser biss li jien **għax kelliem nattiv tal-Malti** naf li 'roundabout' daħlet fil-Malti u li din jifhimha kulħadd. U li 'roundabout' għaldaqstant hi wkoll kelma Maltija.

Ironikament, it-theddida tinsab meta kliem missellef mill-Ingliż jitwarrab u floku nippruvaw noħolqu kliem li ma jifhmu ħadd jew li jispiċċa jitlef it-tifsira speċifika tiegħu u jingħata waħda ġenerali. Eż. 'homework' > terminu speċifiku fil-kuntest skolastiku, għal tip ta' xogħol partikulari distint mix-xogħol li jsir fil-klassi, jispiċċa biex isir wieħed ġenerali jekk jiġi tradott bħala *xogħol tad-dar* billi dan jista' jfisser kwalunkwe xogħol li jsir id-dar – faċendi, manutenzjoni, eċċ.[7] Jew aktar gravi, jidhirli jien, meta kelma minn sors bl-Ingliż bħal 'interface' tiġi tradotta *interfaċċa*. Ma jistax jiġi aċċettat li, f'kuntest bilingwi Malti-Ingliż, jitwarrab kliem mill-Ingliż użat minn kulħadd biex jiddaħħal kliem mit-Taljan, lingwa li llum il-ġurnata m'għadx għandha koeżistenza attiva mal-Malti. Meta jsir dan tkun qed issir traduzzjoni tat-traduzzjoni billi 'interface' tkun qed tiġi tradotta mit-Taljan, meta t-Taljan mhux il-lingwa sors.

Sfortunatament, meta niċħdu dan il-lessiku Malti missellef mill-Ingliż u nirrikorru lejn it-Taljan jew lejn tidwir bi kliem Semitiku ma nkunux għajr qed nimminaw l-eżistenza tal-Malti bħala lingwa mħallta. Bħala traduttturi għandna nagħmlu użu b'mod naturali minn dan il-kliem Ingliż li daħal jew dieħel fil-Malti. M'għandniex nirreżistuh.[8] Il-kliem missellef

[7] Aquilina fl-*English-Maltese Dictionary* jagħti nota li tgħid: "[Il-kelma *homework* fis-sens skolastiku daħlet fl-użu fil-Malti].", p. 1370.
[8] F'dan ir-rigward id-dizzjunarju ta' Charles Briffa *The English-Maltese Dictionary for the 21st Century* (2015) juri avvanz siewi.

mill-Ingliż jarrikkixxi l-lingwa billi jdaħħal sinonimi ġodda ma' dawk li diġà jeżistu. Assolutament mhux vera li kliem Franċiż kif ukoll Malti missellef mill-Ingliż jaqla' kliem diġà stabbilit fiż-żewġ lingwi. Neoloġiżmi mill-Ingliż jagħtuhom aktar flessibbiltà. Hi l-mentalità retrograda li nqisu dan il-kliem bħala intruživ li jeħtiġilha titwarrab.

L-aħħar osservazzjoni tiegħi hi li għalkemm il-Franċiż u l-Malti ilhom jissellfu kliem mill-Ingliż, mhumiex neċessarjament qed jissellfu l-istess kliem. Dan ifisser li fil-Malti l-kliem kollu missellef mill-Ingliż mhux bilfors jikkorrispondi mal-kliem kollu li jissellef il-Franċiż u, viċi versa, mhux il-kliem kollu li l-Franċiż jissellef mill-Ingliż jissellfu wkoll il-Malti.[9] Studju interessanti jkun li wieħed janalizza liema mill-korpus ta' kliem missellef mill-Ingliż hu komuni bejn dawn iż-żewġ lingwi partikulari, eż. hawnhekk nistgħu ngħidu li 'eyeliner' u 'bluff', fost oħrajn, huma komuni kemm għall-Malti kif ukoll għall-Franċiż filwaqt li 'people' s'issa għadha mhix.[10]

Il-messaġġ tiegħi hu li nħarsu lejn dak li qed jiġri f'lingwi oħrajn u nevitaw li nittraduċu kliem Ingliż li diġà infilsa jew li jista' jinfilsa ruħu fil-Malti. Meta nagħmlu dan inkunu qed neqirdu l-idjoma Maltija. Jekk dan l-appell jiġi osservat tibqa' biss il-problema ortografika. L-essenzjali hu li, bħalma naraw fl-artiklu ta' Ucros, il-komunikazzjoni miktuba tkun tirrifletti b'mod awtentiku d-diskors mitkellem. Kliem ġdid meħtieġ f'kuntesti ġodda ta' kitba, jiġi minn fejn jiġi, jarrikkixxi l-lingwa billi joħloq sinonimi li jkabbru l-għażla lessikali u ma jwarrabx kliem diġà stabbilit. Għalhekk (bħalma jsir fil-Franċiż) kemm il-korsiv kif ukoll il-virgoletti m'għandhomx jintużaw, billi dawn jibagħtu l-messaġġ li l-kliem missellef ikun għadu ma ġiex integrat għalkollox. U dan ikun qed jinforza l-mentalità li jeħtiġilha tinbidel rigward l-assimilazzjoni ta' kliem missellef minn lingwi oħrajn.




Le, kliem missellef mill-Ingliż mhux theddida ontoloġika għall-Malti: hu biss progress pragmatiku li jippreserva l-eżistenza tiegħu.

*Paul Zahra huwa traduttur mal-Unità Web tal-Kummissjoni Ewropea.*

[9] Ftit kliem Franċiż ieħor missellef mill-Ingliż misjub f'*Paris Match Belgique* (764): *best-seller, casting, blockbuster, hollywoodien, parking, film, comics, box-office, clan, punchy, british, show, rock star, spoilers, club, clip, stand, overdose, managing director, private banker, dandy, tweets, leader, cocktail, hold-up, outsider, lobbies, lockdown, tunnel, made in China, bunker, pyjama, non-stop...*

[10] Ara n-nota nru 6.

# Il-Kanonku Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis,[1] lessikografu u traduttur

Ivan Said

Dan l-aħħar reġa' kien hemm interess qawwi f'Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis wara li f'Novembru li għadda ġie ppubblikat għall-ewwel darba d-dizzjunarju tiegħu, *id-Ḋamma*.[2] Din hija t-traskrizzjoni tal-ewwel volum minn sett ta' erba' (Libr. Ms 143/i) li huwa Malti-Taljan-Latin, u li fih 1,036 paġna. It-tieni u t-tielet volumi huma Taljan-Latin-Malti filwaqt li r-raba' volum huwa Latin-Taljan-Malti.



Rosabelle Carabott tippreżenta kopja tad-*Ḋamma* lill-President tar-Repubblika l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca. © Dipartiment tal-Informazzjoni

Din il-pubblikazzjoni hija frott ta' żewġ teżijiet tal-BA (Unuri) ta' żewġ studenti tal-Malti tal-Università ta' Malta – Joanne Trevisan u Rosabelle Carabott – li għamlu t-traskrizzjoni tad-*Ḋamma*. Carabott imbagħad irrevediet u editjat il-verżjoni ppubblikata. Qabel din il-pubblikazzjoni, fl-2010 rajna l-ħarġa speċjali tal-*Journal of Maltese Studies – Essays on de Soldanis*.[3] Fl-2012 imbagħad ħarġet il-ġabra ta' papers '*De Soldanis – An eighteenth century intellectual*' fl-okkażjoni tal-wirja intitolata "Giovanni Pietro Francesco Agius de Soldanis – an eighteenth century Gozitan, ecclesiastic and scholar" li saret biex tikkommemora t-300 sena minn twelidu.

---

[1] Cassar Pullicino jagħti ismu bit-Taljan bħala Giovanni Pietro Francesco Agius de Soldanis (2010: 1). Gatt jgħidilna li għall-ewwel kien jikteb Agius biss iżda li mbagħad xtaqt jillatinizza kunjomu "biex ikun bħan-nies kbar ta' dak iż-żmien". (2010: 95). Uża kunjom ommu (Sultana) minħabba li kunjomu ma setax jillatinizzah. Skont Ciappara, madankollu, kien jippreferi jiffirma bħala "Francesco Agius" (2010: 35).

[2] It-titlu proprja hu *Ḋamma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fom tal Maltin u Ghaucin, magħmula mel Kanoniku Gianfrangisku Agius Sultana, Ghauci*.

[3] Din il-pubblikazzjoni tiġbor ħames kontribuzzjonijiet li erbgħa minnhom inqraw fil-Konferenza dwar Agius de Soldanis organizzata mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta f'Mejju 2007 u biblijografija estensiva ħafna tax-xogħlijiet marbuta ma' isem de Soldanis.

**Lingwista**

De Soldanis kien promotur ħabrieki tal-ilsien Malti. Kien konvint li l-Malti ġej direttament mill-ilsien Puniku u li seta' jgħin fl-istudju tal-lingwa Etruska. Għalih il-Malti kien "illustre ed antica lingua orientale" bi "pregevole antichità, e fecondità". Kienet tagħtih ġewwa li l-Maltin ma tantx japprezzaw ilsienhom, iżda kiteb li l-grammatika li ħadem fuqha kienet se tressaq lin-nies lejn il-Malti u jibdew iħaddmuh aktar (Cassar Pullicino, 2010: 25-26).

Barra d-*Ḋamma*, li l-ewwel volum tagħha ġie ppubblikat is-sena l-oħra, hu tana l-ewwel grammatika tal-Malti flimkien mal-alfabett Malti bil-karattri Latini bit-titlu *Nuova Scuola di Grammatica per agevolmente apprendere la lingua Punica-Maltese* li nsibuha fil-paġni 65-117 tal-ktieb li ppubblika f'Ruma fl-1750 – magħruf l-aktar bħala *Della Lingua Punica.*[4] Ftit tas-snin wara, de Soldanis rreveda din il-grammatika u ħejja t-tieni edizzjoni tagħha li qatt ma ġiet ippubblikata. Fiha nsibu 44 lezzjoni tal-grammatika tal-Malti, it-tmien djalogi folkloristiċi tiegħu, li Ġużè Cassar Pullicino ppubblika fl-1947, u xi talb maqlub għall-Malti.

Id-*Ḋamma* hija l-aqwa rabta ta' de Soldanis mat-traduzzjoni peress li hija għodda li taqdi perfettament it-tifsira ta' traduzzjoni espressa minn Umberto Eco: "Translation is always a shift, not between two languages, but between two cultures or two encyclopedias" (2001: 17).

[4] It-titlu proprja hu *Della Lingua Punica presentemente usata da Maltesi, ovvero Nuovi Documenti li quali possono servire di lume all'antica Lingua Etrusca, stesi in due dissertazioni*.

Dan għaliex f'din id-*Ḋamma* de Soldanis mhux biss jagħti t-tifsira ta' ħafna mill-kliem użat fis-safef soċjali u l-oqsma ta' ħidma kollha ta' Malta tas-seklu 18, kif ġeneralment jagħmel dizzjunarju, imma jagħti wkoll ħafna informazzjoni storika u soċjali ta' żmienu li mhix strettament marbuta mat-tifsira tal-kliem. Dan jagħmlu permezz ta' entrati xi kultant twal mhux ħażin bħal fil-każ ta' *Karrakka* (p. 441) b'entrata itwal minn paġna jew bħal fil-każ ta' *Mnaria* (p. 607) b'entrata ta' paġna. Biagio Vella jgħid li d-*Ḋamma* mhix sempliċi vokabularju jew damma ta' kliem imma jsejħilha "encyclopaedic lexicon" (2012: 113).

Għaldaqstant, fid-*Ḋamma* naqraw mhux biss l-etimoloġija ta' ismijiet ta' ċerti bliet (*casali*), irħula u postijiet li għebu jew saħansitra għadhom magħna, imma nsibu wkoll ħjiel storiku dwarhom. Pereżempju, fil-każ ta' *Birkarkara* (p. 79), barra li jgħidilna minn fejn ġej l-isem, jgħidilna wkoll li dan il-*casale* m'għadux kbir bħal qabel peress li minnu nibtu *casali* oħrajn. Fil-każ ta' *Bormla* (p. 87), barra li jagħtina diversi tifsiriet tal-isem, jgħidilna wkoll li kien il-Gran Mastru Zondadari li taha l-isem *Cospicua Città*, belt *popolatissima*, speċjalment b'nies li għandhom negozju marittimu. Jgħidilna wkoll li jekk taqbad id-dgħajsa minn Bormla, fi kwarta tasal il-Belt.

Interessanti wkoll l-entrata ta' *Felfla* (p. 235) fejn fost affarijiet oħrajn naqraw li kien hemm żmien meta fuqha kien hemm kappella u kien imur saċerdot iqaddes quddiesa fiha f'kull festa tal-preċett. Hemm ħafna iżjed entrati dwar bliet, irħula u lokalitajiet Maltin bħal *Mdina* (p. 551), *Melliehha* (p. 562), *Mgar* (p. 581), *Msida* (p. 632), *Nascar* (p. 646), *Rabat* (p. 680), *ta*

*Samra* (p. 717), *Scaghra tal Għażżenin* (p. 724), *Sakkaja* (p. 715), *Sannat* (p. 718), *Tok* (p. 823) u ħafna oħrajn.

L-istess jagħmel meta jiġi biex jagħti t-tifsiriet ta' kliem li jevoka drawwiet, użanzi, snajja' u ċelebrazzjonijiet. Fost dawn, jitkellem dwar il-*Kokkagna* (p. 479), l-arblu li fil-ponta tiegħu kien ikun hemm ċirku b'xi premjijiet imdendlin, bħal tiġieġ, ħajjin jew mejtin, vitelli, ngħaġ, ħrief, imtaten jew perżut, u n-nies (*popolaccio*) kienet tagħti s-salt biex tilħaqhom. Dan l-arblu kien jintrama nhar it-Tnejn tal-Karnival fil-pjazza quddiem il-bieb tal-Palazz Maġisterjali, il-Belt, bejn it-Teżor u l-Konservatorju. Bħala żieda li de Soldanis aktarx għamel żmien wara, jgħidilna li aktar tard din id-drawwa nqatgħet.

Kuntrarjament għal dak li għamel Vassalli fil-*Lexicon*, fid-*Damma* de Soldanis ma daħħalx biss kliem ta' nisel semitiku iżda daħħal ukoll kliem ta' nisel Taljan. Bid-*Damma* u bil-grammatika – u allura bl-alfabett Malti b'karattri Latini – de Soldanis kien jemmen li ta soluzzjoni għall-problema li kien hemm fi żmienu għall-mod kif kienu jiġu mgħallma l-Latin u t-Taljan, fejn studenti li ma kinux midħla ta' dawn l-ilsna barranin kellhom jitgħallmuhom bil-Malti mingħajr ma kienu jifhmu eżatt x'qed jitgħallmu u għaldaqstant il-livell tat-tagħlim tat-Taljan u l-Latin kien jibqa' baxx. Iżda bis-saħħa tad-*Damma*, il-Kanonku Għawdxi kien jemmen li qed jgħin lill-istudenti tat-Taljan u l-Latin jifhmu aħjar il-kliem ġdid li kienu jiltaqgħu miegħu (Cassar Pullicino 2010: 30-31).

**Traduttur**

Bis-saħħa ta' ittra li de Soldanis bagħat lil ħabibu Ignazio Saverio Mifsud fil-25 ta' Frar 1755, nafu li de Soldanis kien qed iħejji d-*Damma* u edizzjoni ġdida tal-grammatika li kien ħareġ fl-1750 magħrufa l-aktar bħala *Nuova Scuola dell'antica lingua punica scoperta nel moderno parlare Maltese e Gozitano*[5] (il-Manuskritt nru 144 tal-Bibljoteka Nazzjonali) (Cassar Pullicino 1947: 99-100). F'dan ix-xogħol, li minkejja jidher li tlesta għall-istampa qatt ma ġie ppubblikat, insibu t-traduzzjoni mil-Latin għall-Malti tal-*Miserere* (is-Salm 50) u tal-Litanija tal-Madonna. Insibu wkoll il-qlib mit-Taljan għall-Malti tal-Missierna u talb ieħor (Cassar Pullicino 1980: 3). It-traduzzjoni tal-*Miserere* mil-Latin għall-Malti nsibuha fil-paġni 315-316 u tidher fuq żewġ kolonni: fuq ix-xellug naraw il-verżjoni bil-Latin u fuq il-lemin naraw dik bil-Malti ta' de Soldanis. Cassar Pullicino jgħidilna li "Għad li t-traduzzjoni ma fihiex mertu letterarju kbir, de Soldanis fejn seta' pprova jinqeda bir-rima biex jikseb l-effetti li xtaq, għalkemm minnhom infishom is-Salmi joqogħdu aktar fuq l-effett ritmiku milli fuq ir-rima". Cassar Pullicino jkompli jgħidilna li "xi drabi t-test Malti huwa parafrażi, u f'xi versi l-awtur jitbiegħed sewwa mil-Latin tal-oriġinal" (1980: 3-4). Minkejja dan, Cassar Pullicino jqis din it-traduzzjoni ta' "importanza storika" (1980: 5).

[5] It-titlu proprja hu *Nuova Scuola dell'antica lingua punica scoperta nel moderno parlare Maltese e Gozitano aperta agli studenti Maltese e Forestieri del Caneo Gian Francesco Agius – Parte Prima e Seconda – Seconda edizione cresciuta e corretta dall'autore*.

| Il-versi 3 u 4 mis-Salm 50 mqabbla ma' traduzzjonijiet oħra[i] | | |
|---|---|---|
| **It-traduttur** | **It-traduzzjoni** | **Is-sors u s-sena** |
| Bil-Malti tal-lum | Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;<br>fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.<br>Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi;<br>naddafni mid-dnub tiegħi. | Il-versi 3-4 mis-Salm 51: meħuda minn www.laikos.org |
| De Soldanis | **MISERERE (Psal. 50)**<br>1. Miserere mei, Deus, secundum magnam misericordiam tuam. — 1. Henn menni, Mulej'a U bel-ħniena kbira tiegħak ħares lejja,<br>2. Et secundum multitudinem miserationum tuarum dele iniquitatem meam. — 2. Bel-ħniena kbira tiegħak, tenni fija biex teċkien el-kufrija menni. (U bħall-kburija tal-ħniena tiegħak qabbeżli l-ħżunija tiegħi).<br>3. Amplius lava me ab iniquitate mea, et a peccato meo munda me. — 3. Żid bel-ħniena u aħselni u med-dnub ent naddafni. (Aħselni eżjed, u naddafni mell-ħżunija u med-dnub tiegħi). | L-ewwel versi tas-Salm 50* kif traskritti minn Cassar Pullicino (1980: 6). De Soldanis aktarx qaleb il-Miserere fl-1755. Tal-parenteżi hija traduzzjoni alternattiva tal-istess versi mogħtija minn de Soldanis. |
| Cleardo Naudi[ii] | **SALM. L.**<br>Ħnŷna mynni jkollok, ja Alla, bħal ma kbira hi yl ħnŷna tiᴖak.<br>U bħal bosta ma huma ly ᴖmejjel tal ħnŷna tiᴖak barra neħħi yl ɧtia tiᴖi.<br>Aɳsynni ukol aktar myl ɧtia tiᴖi, u naddafni myd-dnub tiᴖi.<br>Ոalŷuq naᴖraf ʃŷna yl ɧtia, u yd-dnub tiᴖi qŷᴖed dejjem qoddŷmi. | L-ewwel versi tas-Salm 50* kif miġjuba fi *Ktyb yl qari fuq bosta huejjeg mahtura myn kotba Kattolici* (1832: 130). |

[i] F'ċerti edizzjonijiet dan is-salm jidher bħala s-Salm 50 u f'edizzjonijiet oħra jidher bħala s-Salm 51. Dan għaliex f'xi edizzjonijiet is-salmi jingħaddu skont il-Bibbja Lhudija, li mis-Salm 10 sas-Salm 147 hi dejjem wieħed 'il quddiem mill-verżjoni Griega u mill-Vulgata. Ir-raġuni hi li s-Salm 9 tal-Bibbja Griega, fil-Bibbja Lhudija jinqasam fis-Salmi 9 u 10. Min-naħa l-oħra, is-Salmi 146 u 147 tal-Bibbja Griega jingħaqdu f'Salm wieħed, is-Salm 147 tal-Bibbja Lhudija.
[ii] Cassar Pullicino (1980: 3) jgħid li dawn is-salmi f'dan il-ktieb inqalbu minn Naudi iżda Cassar jgħidilna: "L-awtur ta' dan ix-xogħol [il-ktieb] għadu mhux magħruf; probabbilment kien Dr Cleardo Naudi, iżda hawn min jgħid li hu ta' Vassalli." ('*L-Istorja tal-Ilsien Malti*': il-websajt uffiċjali tal-Akkademja tal-Malti). Bis-saħħa ta' sorsi differenti Vella jagħti tliet possibilitajiet: jista' jkun li dan il-ktieb hu ta' Naudi, jista' jkun ta' Vassalli u jista' jkun ukoll li la hu ta' wieħed u lanqas tal-ieħor (2005: 22).
* In-numri tal-versi li qed jidhru hawn ma jikkorrispondu ma' ebda kodifikazzjoni Biblika regolari.

| | | |
|---|---|---|
| Richard Taylor | **SALM. L.**<br>Jibchi id-dnub li ghamel ma Bethsabea, u il katla ta Uria, ma jitlobx mahfra bid-debhat, izda b'ruh michsura, u kalb imghafgia.<br>1.<br>Miserere mei Deus, secundum magnam misericordiam tuam.<br>1.<br>Hniena icolloc hauna minni<br>Ja Muleja Alla ghazis:<br>U chif hnientech bosta cbira<br>Hniena nitlob minnech fis.<br>2.<br>Et secundum multitudinem miserationum tuarum, dele iniquitatem meam.<br>2.<br>Chif il cotra ta moghdritech<br>Jen nitolboc tiekaf mighi:<br>Ekred fis minn geuua fia<br>Dan il hazen collu tighi.<br>3.<br>Amplius lava me ab iniquitate mea: & a peccato meo munda me.<br>3.<br>Ahhsilni izied minn htijieti<br>Li ghamilt kalb uisk hzunia:<br>U minn dnubi ucoll naddafni<br>Illi imrecchen ghadu fia.<br>4.<br>Quoniam iniquitatem meam ego cognosco: & peccatum meum contra me est semper.<br>4.<br>Ghax htijieti 'l coll chemm huma<br>Jen nistkarrhom ja Muleja:<br>U id-dnub tighi nilmhu dejjem<br>Kighed haun koddiem ghainejja. | L-ewwel versi tas-Salm 50* kif miġjuba fi *Ctieb is-Salmi tas-Sultan David u il Cantici* (1846: 113). |
| M. A. Camilleri[iii] | Salm li. ***Miserere mei, Deus.***<br>**HENN åalia, Ya Alla, kif n-hi ħnientek: kif n-hi il kotra ta' moådrietek neħħi il ħtiyiet tiåi.**<br>**2 Aħselni tay̆eb tay̆eb minn ħzuniti: u naddafni minn dnubi.**<br>**3 Åaliesh yena nistqarr ħtiyieti: u id dnub tiåi dey̆em hu qoddiemi.**<br>**4 Åalik waħdek yena dnibt, u deni åamelt qoddiemek: sabiesh mseddaq tkun fil kliem tiåek, u safi tkun f' åamil ħaqqek.** | L-ewwel versi tas-Salm 50* kif miġjuba fi *Kiteb it-Talb ta' Âalenia, u tal-Âoti tas-Sagramenti u tar-Riti u Chirimonyl tal-Knisya, fuq id-Drawa tal-Knisya Mwahhda ta' l' Ingilterra u ta' l' Irlanda: flimkien mas-Salteryü ew is-Salmi ta' David* (1845). |
| Giovanni Falzon[iv] | SALM 51<br>*David jistkarr dnubu u jitlob l'Alla li jahfirlu u li ibiddillu kalbu.*<br>1 Henn ghalija, ja Alla, chif hnientech;<br>Chif il cotra ta mghodrijtech, hassar htijeti.<br>2 Ahsilni ghal collox minn hzuniti,<br>U naddafni minn dnubi.<br>3 Ghaliex jena naf bl'ghamil hazin tighei,<br>U dnubi dejjem kuddiemi.<br>4 Jena dnibt contra tighech biss,<br>U ghamilt dac li ma thobbx; | L-ewwel versi tas-Salm 50* kif miġjuba f'*Il Ctieb tas-Salmi* (1926: 59) British and Foreign Bible Society. |

[iii] Ismu ma jidhirx fil-ktieb imma nafu fiċ-ċert li Mikiel Anġ Camilleri hu t-traduttur ta' dan il-kiteb u kulma fih: ara *l-aċċent* Nru 15 p. 32.

[iv] "Dan il-ktieb, stampat Londra, ma fih imkien l-isem tat-traduttur, iżda mill-korrispondenza ta' dik is-Soċjetà [British and Foreign Bible Society] nafu li t-traduttur kien Giovanni Falzon, Malti li dik il-ħabta kien joqgħod Tuneż." Ara *l-aċċent* Nru 15 p. 32. Nixtieq nirringrazzja lis-Sa Mary Samut Tagliaferro tal-Melitensia tal-Librerija tal-Università ta' Malta talli għinitni nsib dan il-ktieb.

* In-numri tal-versi li qed jidhru hawn ma jikkorrispondu ma' ebda kodifikazzjoni Biblika regolari.



Paġna mill-Manuskritt 144 tal-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta li fiha t-traduzzjoni mit-Taljan tal-Missierna, l-Ave Maria u l-Kredu. Dan ir-ritratt hu minn sett ta' erbgħa li, bħala manuskritt, qed inġibu fid-dieher għall-ewwel darba. Ħajr lis-Sa Maroma Camilleri, *deputy librarian* tal-Bibljoteka Nazzjonali, li għaddithomlna.

**Il-Missierna u talb ieħor maqlub għall-Malti**

Fost it-talb li hemm maqlub għall-Malti nsibu l-Missierna, maqluba mit-Taljan. Fi studju ta' tqabbil tat-traduzzjonijiet varji ta' din it-talba tant importanti għall-Insara, Cassar jgħidilna li: "Agius de Soldanis jidher li kien l-ewwel wieħed li nqeda bil-formula 'la ddaħħalniex' (bix-x tan-negattiv, anki jekk jagħtiha sc a la Taljana)." Cassar isemmi wkoll l-influwenza Taljana li tidher ukoll fi-użu tal-gl (flok -lj-) fil-kelma koglum (għal 'kuljum') (2013: 73).

Maqlubin mit-Taljan għall-Malti nsibu wkoll l-Ave Maria, il-Kredu, is-Salve Regina u l-Att tal-Fidi, l-Att ta' Speranza u l-Att ta' Karità. Il-Litanija tal-Madonna nsibuha maqluba mil-Latin. Dawn jinsabu fil-Lezzjoni XLIV taħt it-titlu '*Orazioni da sapersi a memoria da qualunque Cristiano Cattolico, con altre prazioni divote in lingua Maltese*'.



XXVII. Orazioni da sapersi a memoria da qualunque Cristiano Cattolico, con altre orazioni divote in lingua maltese
Pater noster
Messierna li ent fe Smeuiet. — Padre nostro che sei ne' Cieli
jet kaddes esmek. — Santificato sia il nome tuo
tigi e Saltnatek. o Saltna Tighak — Venga il Regno tuo

| Traskrizzjoni tal-Missierna ta' Agius de Soldanis | Il-Missierna kif tingħad illum (mill-websajt laikos.org) | Il-Missierna bit-Taljan (mill-websajt https://it.wikipedia.org) |
|---|---|---|
| Messierna Ii ent fe Smeuiet,<br>jetkaddes esmek,<br>tigi e Saltnatek, u Saltna Tighak<br>ikun Ii tri tent, kif fe Sema hekda flart.<br>Chobzna ta koġfum, alihulna e lum,<br>u achfrelna dnubietna, kif ahhna n-ach-<br>Fru leI min chata ghalina<br>U le dachalniesc fe tagrif<br>Eżda achlesna me deni. Hek hua. | Missierna li inti fis-smewwiet,<br>jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,<br>ikun li trid int, kif fis-sema hekkda fl-art.<br>Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum,<br>aħfrilna dnubietna,<br>bħalma naħfru lil min hu ħati għalina,<br>la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni. | Padre nostro, che sei nei cieli,<br>sia santificato il tuo nome,<br>venga il tuo regno,<br>sia fatta la tua volontà, come in cielo così in terra.<br>Dacci oggi il nostro pane quotidiano,<br>e rimetti a noi i nostri debiti<br>come noi li rimettiamo ai nostri debitori,<br>e non ci indurre in tentazione,<br>ma liberaci dal male. |

**Parti mil-Litanija tal-Madonna**


Mater Jesu christi
Mater Divinae gratiae
Mater purissima
Mater castissima
Mater inviolata
Mater intemerata
Mater amabily
Mater admirabily
Mater creatoris
Mater Salvatoris
Virgo prudentissima
Virgo veneranda
Virgo praedicanda
Virgo potens
Virgo clemens
Virgo fidelis
Speculum justitiae
Sedes sapientiae
Ora pro nobis
Om Jesukristu.
Om tal ghkrazia t-Alla.
Om tal endafa
Om ta scbubia
Om kat memsusa
Om kat mtabgha.
Om tal mhhabba.
Om tal ghageb
Om ta min hlakna
Om ta min hlesna /salvana
Scebba tal ghakal
Scebba ta min jati elkima
Scebba ta min ifahhrek.
Scebba Kauua.
Scebba hhanina
Scebba ta min tafdak
Mera tal hhak
Maghkad tal gherf
Bedu tal ferhh taghna
Itlob ghalina

| Traskrizzjoni tal-Litanija | | Il-Litanija kif tingħad illum | | Il-Litanija bil-Latin | |
|---|---|---|---|---|---|
| Om Gesukristu, | Itlob għalina. | Omm ta’ Kristu, | Itlob għalina. | Mater Christi, | Ora pro nobis. |
| ........................ | | [Omm il-Knisja,] | | [Mater Ecclesiae,] | |
| Om tal-gkrazia t-Alla, | | Omm tal-grazzja t’Alla, | | Mater Divinae gratiae, | |
| Om tal endafa, | | Omm l-iżjed safja, | | Mater purissima, | |
| Om ta scbubia, | | Omm l-iżjed nadifa, | | Mater castissima, | |
| Om kat memsusa, | | Omm u xebba, | | Mater inviolata | |
| Om kat mtabgħa | | Omm bla tebgħa, | | Mater intemerata, | |
| Om tal mhhabba, | | Omm li tistħoqq l-imħabba, | | Mater amabilis, | |
| Om tal ghageb, | | Omm tal-għageb, | | Mater admirabilis, | |
| ........................ | | [Omm tal-parir it-tajjeb,] | | [Mater boni Consilii,] | |
| Om ta’ min ħlakna, | | Omm ta’ min ħalaqna, | | Mater Creatoris, | |
| Om ta’ min hlesna/salvana, | | Omm ta’ min salvana, | | Mater Salvatoris, | |
| Scebba kollok ghakal, | | Xebba kollok għaqal, | | Virgo prudentissima, | |
| Scebba ta min jati elkima, | | Xebba li tistħoqq kull qima, | | Virgo veneranda, | |
| Scebba ta min ifahhrek, | | Xebba li tistħoqq kull foħrija, | | Virgo praedicanda, | |
| Scebba Kauua, | | Xebba kollok setgħa, | | Virgo potens, | |
| Scebba hhanina, | | Xebba kollok ħniena, | | Virgo clemens, | |
| Xebba ta’ min tafdak, | | Xebba dejjem marbuta ma’ Alla, | | Virgo fidelis, | |
| Mera tal-hhak, | | Mera tal-qdusija, | | Speculum iustitiae, | |
| Maghkad tal-għerf, | | Tron tal-għerf, | | Sedes sapientiae, | |
| Bedu tal-ferhh taghna, | | Bidu tal-ferħ tagħna, | | Causa nostrae laetitiae, | |

**Is-Salve Regina**



| | | |
|---|---|---|
| **Traskrizzjoni tas-Salve Regina ta’ de Soldanis** | Sliem ghalik, Sultana om tal chniena, hhaja, hhleua u tama taghna, Sliem ghalik, Lilek engħaitu, ahhna, turufnati ulied Eva. Lilek netniehdu, nebku, u n-olfku f dan el ujet ta dmuhh. Eia mela Avukata taghna dauar leina dawk el ghanein tighak tal hhniena u dan Gesù frot embierek tal guf men tighak urina wara] o turufnament taghna, o hhanina, o pia, o hhleua Verġni Maria. | |
| **Verżjoni tas-Salve Regina li nstabet f’manuskritt tas-sekli 17-18 fl-arkivju tal-kunvent tal-Karmelitani fl-Imdina** (Camilleri, 2016: 8) |  *Slema ħelic Soltana hom el ħinena. ħeija ħleuua, u tama taħna slema ħelic. Lilec enħaitu elli ħanna ulet Eua micuccijn mel Genna ta lart. ~~ħe~~lilek netnehdu, u nepcu fi_edana alhut men tal becha. ei emmela avocata taħna dauar leina edauc elhainein teħec ethinen. uara ~~eliara~~ eliasar ~~taħna feiħ~~ ó ħanina ó ħelua Virgini Maria urina el Gesu frut emberic tel giuf men tehec.* |  |
| **Is-Salve Regina kif tingħad illum** (laikos.org) | Sliem għalik, Sultana, omm tal-ħniena, ħajja, ħlewwa u tama tagħna. Sliem għalik, lilek ingħajtu, aħna, turufnati, ulied Eva. Lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu f’dan il-wied tad-dmugħ.<br>Ejja mela, avukata tagħna; dawwar lejna dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena. Urina, wara dan it-turufnament, lil Ġesù frott imbierek tal-ġuf tiegħek, o ħanina, o pija, o ħelwa, Verġni Marija. | |

## Id-djalogi maqlubin mill-Malti għat-Taljan

Fl-istess edizzjoni mhux ippubblikata tal-grammatika nsibu wkoll il-famużi djalogi folkloristiċi miktubin bil-Malti minn de Soldanis innifsu, bi traduzzjoni bit-Taljan ħdejhom. Traskrizzjoni sħiħa ta' dawn id-djalogi tagħtiha Rosabelle Carabott f'‘*De Soldanis – An eighteenth century intellectual*’. Dawn id-djalogi jagħtuna ħjiel tal-ħajja soċjali tal-Maltin tat-tieni nofs tas-seklu 18. F'*Della Lingua Punica* li de Soldanis ippubblika fl-1750 kien ħareġ tnejn oħrajn bħalhom imma iqsar. Cassar Pullicino, dak li kixifhom fl-1947, jgħidilna li s-siwi ta' dawn id-djalogi qiegħed fil-fatt li: “(a) huma miktubin b'Malti idjomatiku għall-aħħar li nistgħu nqisuh bħala mera ta' kif kienu jitkellmu n-nies tal-poplu f'nofs is-seklu tmintax; (b) jixħtu dawl kbir fuq il-ħajja, ix-xogħol, is-snajja' u d-drawwiet Maltin ta' dak iż-żmien, u (ċ) juruna għidut u kliem li llum jew mietu jonkella nbidlu u nafuhom xort'oħra” (1947: 100). Fl-1971 dawn id-djalogi nqalbu għall-Ingliż u ġew ippubblikati minn David R. Marshall, li jqishom ta' importanza kbira anki minħabba raġunijiet lingwistiċi u soċjokulturali (1971: 1).

## Annone Cartaginese

Fl-1746 de Soldanis kien kiteb li l-Malti kien ġej mill-Għarbi – minn Għarbi maħlul u mħallat. Iżda ftit wara li kiteb dan, il-Kanonku Għawdxi biddel il-pożizzjoni tiegħu u beda jgħid li l-Malti ġej mill-Puniku. Biex isostni din il-fehma fl-1757 ħareġ l-‘*Annone Cartaginese*’[6] (Ciappara, 2010: 44).



© Daniel Cilia

*Iż-Żjara*, il-pittura ta' Antoine Favray fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti. ‘*Id-Djalogi ta' De Soldanis*’ u l-pitturi ta' Favray għandhom similaritajiet kbar.

Dan kien ktieb ta' 132 paġna u skont Cachia “ktieb fjask mill-akbar li qatt dehru” (1994: 96). Fih de Soldanis qaleb għall-Malti ta' żmienu xi sentenzi li Hanno jlissen bil-Puniku fil-ħames att tal-kummiedja ‘*Poenulus*’ (‘*Il-Kartaġiniż iż-Żgħir*’ jew ‘*Il-Puniku ż-Żgħir*’). Il-kummiedja hija tad-drammaturgu Ruman Titus Maccius Plautus (madwar 254-184 QK). Cachia jsejjaħ din it-traduzzjoni “taparsi” u jsostni li “hija hekk imġebbda li bil-Malti stess bil-kemm tiftiehem, u trid tħares lejn dak li [de Soldanis] kiteb bit-Taljan biex tifhem x'qed jgħid. Imbagħad ma hemm ebda

[6] It-titlu proprja hu *Annone Cartaginese cioè vera spiegazione della I scena dell'atto V della commedia di M. A. Plauto in Poenulo fatta colla lingua moderna Maltese o sia l'antica Cartaginese* (Ruma, 1757).

korrispondenza bejn il-Malti ta' de Soldanis u l-Puniku ta' Hanno" (1994: 97). Li de Soldanis ma tax traduzzjoni tajba nafuh kemm mit-traduzzjonijiet li saru tul iż-żmien (għall-Ingliż u ilsna oħra) kif ukoll mit-traduzzjoni libera ta' xi wħud minn dan il-kliem Puniku minn Plautus stess fil-bidu tal-ewwel att. Cachia jgħid li "De Soldanis ma riedx jammetti li Plautus ħallielna traduzzjoni tal-ewwel għaxar versi Puniċi u għalhekk ma tax kasha. Barra minn hekk, de Soldanis ma ndunax li ż-żewġ verżjonijiet tal-kliem Puniku jfissru bejn wieħed u ieħor l-istess, u għalhekk ħaseb li t-tieni verżjoni hija kontinwazzjoni tad-diskors ta' Hanno, u flok għaxar versi, poġġa f'ħalq Hanno 16-il vers" (1994: 97).






**Xi tagħrif dwar de Soldanis**

Giovanni Pietro Francesco Agius de Soldanis twieled ir-Rabat, Għawdex, fil-31 ta' Ottubru 1712. Studja l-Latin u lingwi oħra f'Malta u ta' 17-il sena laħaq Kanonku tal-Knisja Kolleġjata ta' Għawdex meta kien għadu ma ġiex ordnat saċerdot. Studja l-filosofija u t-teoloġija fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, il-Belt. Iggradwa fil-liġi mill-Università ta' Padova, l-Italja. Kien membru ta' mill-anqas erba' akkademji Taljani li minnhom kien igawdi stima kbira u kien iżomm korrispondenza kontinwa ma' wħud mill-membri tagħhom. Fl-1763 inħatar l-ewwel librar tal-Bibljoteka Nazzjonali. Miet fit-30 ta' Jannar 1770 (Cassar Pullicino, 2010: 1). Fost il-ħafna xogħlijiet li kiteb insibu '*Il Gozo antico-moderno e sacro-profano*', maqlub għall-Malti minn Dun Ġużepp Farrugia u ppubblikat bħala '*Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*' mill-Istamperija tal-Gvern f'żewġ volumi: l-ewwel volum fl-1936 u t-tieni volum fl-1953. Edizzjoni facsimile taż-żewġ volumi ġiet ippubblikata f'volum wieħed fl-1999. Fl-istess sena Dun Anton Mercieca ħareġ traduzzjoni bl-Ingliż tal-verżjoni Maltija bħala '*Gozo: Ancient and Modern*' (Cassar Pullicino, 2010: 150).

L-istoriku eminenti, il-Prof. Frans Ciappara, jiddeskrivi lil de Soldanis bħala "a walking encyclopaedia". Jirrimarka li f'kitbietu de Soldanis kien ta' spiss jorbot ħsibijietu mal-argumenti tal-kittieba l-oħra li kien jistudja. Isejjaħlu wkoll "bookworm" u jirrimarka kemm kien iħobb jikteb. Il-librerija kien jiftaħha għall-oħrajn ukoll, u kienet imkien fejn kienu jiltaqgħu l-istruwiti. Il-kobor tiegħu kien impressjona lin-nies ta' żmienu u jimpressjona lilna, illum (2010: 36).




© Daniel Cilia

**Biblijografija**


Agius Sultana, Gianfrangesku. *Ḋamma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fom tal Maltin u Ghaucin*. Editjat minn Rosabelle Carabott. (Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta bi sħab ma' Heritage Malta, l-Akkademja tal-Malti, il-Kunsill tal-Malti, BPC International, RIDT, il-Bibljoteka Nazzjonali u l-Ministeru ta' Għawdex.) Firenze: Baroni & Gori, 2016.

Cachia, Lawrenz. *L-Ilsien Malti – Il-Bieraħ u l-lum*. Malta: Sensiela Kotba Soċjalisti, Maħruġ mid-Dipartiment tat-Tagħrif tal-Partit tal-Ħaddiema, 1994.

Camilleri, Charlò. "'Slema ħelic Soltana': Talba f'Instruzione de' Capellani e specialmente de' Geroslimitani – Volum manuskritt fl-Arkivju tal-Karmelitani fl-Imdina." *L-Arkivju* 7 (2016): 3-10.

Carabott, Rosabelle. "De Soldanis Dialogues." *De Soldanis – An eighteenth century intellectual* 6 (2012): 101-111.

Cassar Pullicino, Ġużè. "De Soldanis: A Bibliography." *Journal of Maltese Studies – Essays on de Soldanis* 27 (2010): 141-160.

Cassar Pullicino, Ġużè. "De Soldanis: approaches to a biography." *Journal of Maltese Studies* 27 (2010): 1-34.

Cassar Pullicino, Ġużè. "Id-Djalogi ta' De Soldanis." *Il-Malti* 23 (1947): 99-125.

Cassar Pullicino, Ġużè. "Traduzzjoni tal-'Miserere' minn De Soldanis." *Il-Malti* 56 (Settembru-Diċembru 1980): 3-8.

Cassar, Mario. "Il-Pater Noster bl-Ilsien Malti: Storja lingwistika." *Symposia Melitensia* 9 (2013): 63-92.

Ciappara, Frans. "De Soldanis and the Maltese Pre-Enlightenment." *Journal Maltese Studies – Essays on de Soldanis* 27 (2010): 1-70.

Eco, Umberto. *Experiences in Translation*. Toronto: University of Toronto Press, 2001.

Gatt, Ġużè. "Il-Kanonku Agius de Soldanis – Kittieb tal-Ewwel Grammatika Maltija (1750)." F'*Il-Malti – Rivista tal-Akkademja tal-Malti – Xogħlijiet magħżula ta' Ġużè Gatt – Ħarġa Speċjali LXXXI 2010*, editjat minn Toni Cortis, Reno Fenech, Olvin Vella, u William Zammit, 88-100. Malta: Akkademja tal-Malti flimkien mal-Klabb Kotba Maltin, 2010.

*Kiteb it-Talb ta' Âalenia, u tal-Âoti tas-Sagramenti u tar-Riti u Chirimonyl tal-Knisya, fuq id-Drawa tal-Knisya Mwahhda ta' l' Ingilterra u ta' l' Irlanda: flimkien mas-Salteryü ew is-Salmi ta' David*. Malta: Fli stamperia ta' M. Weiss, 1845.

*Ktyb yl qari fuq bosta huejjeg mahtura myn kotba Kattolici*. Malta, 1832.

Marshall, David R. "A Social and Historical Commentary on 'The Dialogues' of De Soldanis." *Journal of Maltese Studies* 6 (1971): 1-33.

Taylor, Richard. *Ctieb is-Salmi tas-Sultan David u il Cantici*. Malta, 1846.

Vella, Biagio. "A brief study of the Latin in De Soldanis Ḋamma." *De Soldanis – An eighteenth century intellectual* 6 (2012): 113-119.

Vella, Olvin. "L-Ilsien Malti u l-Metodisti fl-ewwel nofs tas-Seklu Dsatax – Il-Kotba tal-iskola tal-Metodisti." *Il-Ġens Illum* (it-2 ta' Lulju 2005): 22.


*Ivan Said hu traduttur mal-Kummissjoni Ewropea.*


http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin:

**l-accent@ec.europa.eu**



**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*